IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
COM(2021) 563 final

2021/0213 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

**li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 663 final} - {SWD(2021) 640 final} - {SWD(2021) 641 final} - {SWD(2021) 642 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għandha rwol importanti fil-qasam tal-politika dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija. Ir-regoli armonizzati stabbiliti taħt id-Direttiva 2003/96/KE tas-27 ta’ Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta’ enerġija u elettriku (“id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija” jew “ETD”, Energy Taxation Directive) għandhom l-għan li jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern.

Madankollu, sa mill-adozzjoni tal-ETD, il-qafas tal-politika sottostanti dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija nbidel radikalment u d-Direttiva ma għadhiex allinjata mal-politiki attwali tal-UE. Barra minn hekk, l-ETD ma għadhiex tiżgura funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Il-proposta għar-riformulazzjoni hija parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew (“EGD”, European Green Deal) u l-pakkett leġiżlattiv Lesti għall-Mira ta’ 55 % (Fit for 55), billi din tiffoka fuq kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi biex tappoġġa l-impenn tal-Kummissjoni li tindirizza sfidi relatati mal-ambjent u tilħaq l-objettivi ta’ tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-arja.

L-EGD nieda strateġija ġdida għat-tkabbir għall-UE li għandha l-għan li tittrasforma lill-UE f’soċjetà ġusta u prospera. Din tafferma mill-ġdid l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li żżid l-ambizzjoni klimatika tagħha u tagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti ħorox ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Abbażi tal-istrateġija tal-EGD u valutazzjoni tal-impatt komprensiva, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta’ Settembru 2020 dwar **It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030**[1] (“Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030”) ipproponiet li żżid l-ambizzjoni tal-UE u ressqet pjan komprensiv biex iżżid il-mira vinkolanti tal-Unjoni Ewropea għall-2030 għal mill-inqas tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta’ 55 %, b’mod responsabbli. Iż-żieda fl-ambizzjoni tal-2030 issa tgħin biex tagħti ċertezza lil dawk li jfasslu l-politika u lill-investituri, biex id-deċiżjonijiet li jittieħdu fis-snin li ġejjin ma jorbtux livelli ta’ emissjonijiet li jkunu inkonsistenti mal-objettiv tal-UE li tkun newtrali għall-klima sal-2050. Il-mira tal-2030 hija konformi mal-objettiv tal-Ftehim ta’ Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura globali tinżamm sew taħt iż-2 °C u jsiru sforzi biex tinżamm 1,5 °C. Il-Kunsill Ewropew approva l-mira vinkolanti l-ġdida tal-UE għall-2030 fil-laqgħa tiegħu ta’ Diċembru 2020[2].

Il-**Liġi Ewropea dwar il-Klima**[3], kif maqbula mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill Ewropew[4], tagħmel il-mira tan-newtralità klimatika tal-UE legalment vinkolanti, u żżid l-ambizzjoni tal-2030 billi tistabbilixxi mira ta’ mill-inqas tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta’ 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990.

---

1 COM (2020) 562 final.

2 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 10-11 ta’ Diċembru 2020 EUCO 22/20 CO EUR 17 CONCL 8.

3 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima), COM(2020) 80 final.

4 Ara l-istqarrija għall-istampa “Il-Kummissjoni tilqa’ ftehim proviżorju dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”, IP/21/1828 of 21.04.2021.

Sabiex issegwi l-perkors propost fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u tilħaq din iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni għall-2030, il-Kummissjoni rrieżaminat il-leġiżlazzjoni relatata mal-klima u l-enerġija li attwalment tinsab fis-seħħ. Il-pakkett leġiżlattiv **"Lesti għall-Mira ta' 55 %"**, kif imħabbar fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030, huwa l-aktar element kostitwenti komprensiv fl-isforzi biex tiġi implimentata l-mira ambizzjuża l-ġdida dwar il-klima tal-2030, u s-setturi u l-politiki ekonomiċi kollha se jkollhom jikkontribwixxu.

Fl-EGD, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrieżamina l-ETD billi tiffoka fuq kwistjonijiet ambjentali u sabiex tiżgura li t-tassazzjoni fuq l-enerġija tkun allinjata mal-objettivi klimatiċi. It-tassazzjoni għandha rwol dirett fl-appoġġ tat-tranżizzjoni ekoloġika billi tibgħat is-sinjali t-tajba tal-prezzijiet u tipprovdi l-inċentivi t-tajba għall-konsum u l-produzzjoni sostenibbli.

F'dan il-kuntest, jenħtieġu tassazzjoni ambjentali effettiva u t-tneħħija ta' inċentivi għall-konsum tal-fjuwils fossili madwar l-UE biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra flimkien ma' miżuri regolatorji oħra.

L-ETD tista' tikkontribwixxi għall-ambizzjoni akbar ta' mill-inqas tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 billi tiżgura li t-tassazzjoni tal-karburanti u tal-fjuwils għat-tisħin tirrifletti aħjar l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent u fuq is-saħħa. Dan jista' jinkiseb billi jitneħħew l-iżvantaġġi għat-teknoloġiji nodfa u jiġu introdotti livelli ogħla ta' tassazzjoni għal fjuwils ineffiċjenti u li jniġġsu, flimkien ma' prezzar tal-karbonju permezz tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Dan se jiffaċilita t-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili lejn enerġija aktar nadifa biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE, f'konformità mal-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi.

L-ETD ġiet evalwata fl-2019[5]. Wara dik l-evalwazzjoni, il-Kunsill adotta konklużjonijiet[6] fejn ikkunsidra li t-tassazzjoni fuq l-enerġija jista' jkollha rwol importanti bħala wieħed mill-inċentivi ekonomiċi li jmexxu t-tranżizzjoni enerġetika b'suċċess, jimbuttaw għal emissjonijiet tal-gassijiet serra baxxi u investimenti għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli u stieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-ETD.

L-ETD attwali tqajjem sensiela ta' kwistjonijiet marbuta mal-iskonnessjoni tagħha minn objettivi klimatiċi u tal-effiċjenza fl-enerġija u n-nuqqasijiet tagħha fir-rigward tal-funzjonament tas-suq intern.

L-ewwel nett, l-ETD mhijiex konformi mal-objettivi klimatiċi u tal-enerġija tal-UE. Id-Direttiva ma tippromwovix b'mod adegwat it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-effiċjenza fl-enerġija u l-użu tal-elettriku u l-fjuwils fossili (idroġenu rinnovabbli, fjuwils sintetiċi, bijofjuwils avvanzati, eċċ.). Ir-raġuni għal dan huwa li fjuwils ġodda u b'intensità inqas qawwija ta' karbonju jiġu ntaxxati bħall-ekwivalenti fossili tagħhom jekk il-fjuwil il-ġdid feġġ mill-adozzjoni tal-2003 tal-aħħar ETD u għaldaqstant ma hemm l-ebda rata espliċita għalih. Il-bijofjuwils huma żvantaġġati mit-tassazzjoni bbażata fuq il-volum (rati espressi għal kull litru). Ir-raġuni għal dan huwa li litru ta' bijofjuwil għandu valur enerġetiku aktar baxx minn litru tal-fjuwil fossili li jikkompeti miegħu filwaqt li tapplika l-istess rata ta' taxxa. Bħala riżultat ġenerali, l-ETD ma tipprovdix biżżejjed inċentivi għal investimenti fit-teknoloġiji nodfa.

It-tieni, l-ETD *de facto* tiffavorixxi l-użu tal-fjuwils fossili. Rati nazzjonali diverġenti ħafna huma applikati flimkien ma' firxa wiesgħa ta' eżenzjonijiet u tnaqqis tat-taxxa. Il-firxa

[5] SWD(2019) 329 final.
[6] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-29 ta' Novembru 2019, 14608/19, FISC 458.

wiesgħa ta' eżenzjonijiet u tnaqqis huma forom ta' inċentivi tal-fjuwils fossili, li mhumiex konformi mal-objettivi tal-EGD. Il-proposta l-ġdida tgħin biex jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili b'żewġ modi. L-ewwel nett, billi jiġu stabbiliti rati ogħla għall-fjuwils fossili u rati aktar baxxi għall-prodotti rinnovabbli u b'hekk jitnaqqas il-vantaġġ relattiv tal-prezz tal-fjuwils fossili fuq alternattivi li jniġġsu inqas. Dan jiskoraġġixxi l-użu tal-fjuwils fossili. It-tieni, billi tiġi rieżaminata l-possibbiltà ta' tnaqqis u eżenzjonijiet mit-taxxa, li attwalment ibaxxu t-tassazzjoni tal-fjuwils fossili. Dawn jinkludu żejt tal-gass li jintuża fl-agrikoltura, żejt tal-gass u faħam li jintużaw mill-unitajiet domestiċi biex isaħħnu (tinżamm il-possibbiltà li jiġu eżentati unitajiet domestiċi vulnerabbli) jew fjuwils fossili li jintużaw mill-industriji intensivi fl-enerġija. Barra minn hekk, il-proposta ttemm l-eżenzjoni obbligatorja attwali tas-settur tal-avjazzjoni u tan-navigazzjoni fuq l-ilma u tas-sajd.

It-tielet, l-ETD ma għadhiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-swieq interni u r-rati minimi tat-taxxa tilfu l-effett konverġenti tagħhom fuq ir-rati tat-taxxa nazzjonali. Ir-rati minimi huma baxxi billi ma ġewx aġġornati mill-2003 għalkemm f'ħafna każijiet ir-rati nazzjonali huma ogħla b'mod sinifikanti mill-valuri minimi tal-ETD. Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, il-livelli minimi tal-ETD ma għadhomx jipprevjenu "ġirja lejn l-iktar livell baxx" u lanqas ma jikkostitwixxu limitu minimu għat-tassazzjoni. Dan kollu, flimkien mal-eżistenza ta' eżenzjonijiet u tnaqqis, iżid il-frammentazzjoni tas-suq intern u b'mod partikolari joħloq distorsjoni fil-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni madwar is-setturi involuti tal-ekonomija.

Barra minn hekk, hemm xi aspetti tal-ETD li mhumiex ċari, rilevanti jew koerenti, u dan joħloq inċertezza legali. Dawn jinkludu, fost affarijiet oħra, id-definizzjoni ta' prodotti taxxabbli u użi li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u l-interpretazzjoni tal-eżenzjoni relatata mal-karburanti użati fin-navigazzjoni bl-ajru u fuq l-ilma. Għaldaqstant, din il-proposta għandha l-għan li tilħaq l-objettivi li ġejjin:

(1) Tipprovdi qafas adattat li jikkontribwixxi għall-miri tal-UE 2030 u n-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jinvolvi l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jonqsu l-emissjonijiet.

(2) Tipprovdi qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE billi taġġorna l-ambitu u l-istruttura tar-rati kif ukoll billi tirrazzjonalizza l-użu tal-eżenzjonijiet u t-tnaqqis tat-taxxa mill-Istati Membri.

(3) Tippreserva l-kapaċità li tiġġenera dħul għall-baġits tal-Istati Membri.

Kif imsemmi hawn fuq, dawn l-objettivi se jintlaħqu billi t-tassazzjoni tinqaleb minn waħda bbażata fuq il-volum għal waħda bbażata fuq il-valur enerġetiku, billi jiġu eliminati inċentivi għall-użu tal-fjuwils fossili u billi tiġi introdotta klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Barra minn hekk, l-istruttura tat-taxxa kurrenti se tiġi ssimplifikata billi l-prodotti tal-enerġija (użati bħala karburanti jew fjuwils għat-tisħin) u l-elettriku jinġabru fi gruppi ta' kategoriji u billi jiġu kklassifikati skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Il-"prestazzjoni ambjentali" ġiet definita fir-rigward ta' politiki oħra tal-UE skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u b'mod partikolari mal-bqija tal-proposti fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Skont din il-klassifikazzjoni, fjuwils fossili konvenzjonali, bħal żejt tal-gass u petrol, se jiġu ntaxxati bl-ogħla rata. Il-kategorija ta' rati li jmiss tapplika għall-fjuwils li huma bbażati fuq il-fossili iżda li jagħmlu inqas ħsara u għad għandhom xi potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni fit-terminu qasir jew medju. Pereżempju, 2/3 tar-

rata ta’ referenza tapplika għall-gass naturali, għal-LPG u għall-idroġenu ta’ oriġini fossili għal perjodu tranżizzjonali ta’ 10 snin. Minn hemm ’il quddiem din ir-rata se tiżdied għar-rata ta’ referenza sħiħa. Il-kategorija li jmiss hija dik tal-bijofjuwils sostenibbli iżda mhux avvanzati. Biex tiġi riflessa l-kontribuzzjoni tagħhom għad-dekarbonizzazzjoni, tapplika ½ ir-rata ta’ referenza. L-aktar rata baxxa tapplika għall-elettriku, hu x’inhu l-użu tiegħu, il-bijofjuwils avvanzati, il-bijolikwidi, il-bijogass u l-idroġenu ta’ oriġini rinnovabbli. Ir-rata applikabbli għal dan il-grupp hija stabbilita b’mod sinifikanti taħt ir-rata ta’ referenza billi l-elettriku u dawn il-fjuwils jistgħu jmexxu t-tranżizzjoni enerġetika nadifa tal-UE lejn l-ilħiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u, fl-aħħar nett, in-newtralità klimatika sal-2050.

F’xi setturi, prinċipalment f’dawk li attwalment jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjonijiet totali bħall-avjazzjoni, jew fjuwils għat-tisħin għall-unitajiet domestiċi mhux vulnerabbli, se japplikaw perjodi tranżizzjonali biex itaffu l-kostijiet ekonomiċi u soċjali tal-introduzzjoni tat-tassazzjoni.

Il-proposta tqis ukoll id-dimensjoni soċjali billi tintroduċi l-possibbiltà li l-unitajiet domestiċi vulnerabbli jiġu eżentati mit-tassazzjoni fuq il-fjuwils għat-tisħin għal perjodu ta’ għaxar snin u billi tintroduċi perjodu tranżizzjonali ta’ għaxar snin biex tintlaħaq ir-rata minima ta’ tassazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu tnaqqis mhux inqas mil-livelli minimi tal-fjuwils għat-tisħin għall-unitajiet domestiċi kollha. Huwa f’idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar l-użu tad-dħul mit-taxxa u jistgħu jkomplu jiżguraw li ssir ġustizzja billi jużaw dak id-dħul biex itaffu l-impatt soċjali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tiddefinixxi l-prodotti tal-enerġija li huma taxxabbli, l-użi li jagħmluhom soġġetti għat-taxxa u l-livelli minimi ta’ tassazzjoni applikabbli għal kull prodott skont jekk jintużax bħala propellant, għal ċerti finijiet industrijali u kummerċjali jew għat-tisħin. Id-dispożizzjonijiet emendati se jibqgħu konsistenti ma’ dawk id-dispożizzjonijiet li jibqgħu l-istess.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

L-inizjattivi marbuta mal-objettivi klimatiċi tal-UE skont l-EGD, b’mod partikolari l-mira tal-klima tal-2030, huma ppreżentati taħt il-“Pakkett Lest għall-Mira ta’ 55 %”. Dan il-pakkett se jkopri b’mod partikolari r-rieżami tal-leġiżlazzjoni settorjali fl-oqsma tal-klima, l-enerġija, it-trasport u t-tassazzjoni[7].

Din il-proposta għar-riformulazzjoni tal-ETD hija parti minn dan il-pakkett imfassal b’mod koerenti. Flimkien mal-proposti l-oħra fil-pakkett, din tikkontribwixxi għall-miri klimatiċi tal-UE billi tindirizza l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fit-tassazzjoni fuq l-enerġija li jikkostitwixxu *de facto* inċentivi għall-fjuwils fossili, filwaqt li tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-użu ta’ fjuwils aktar nodfa. Għaldaqstant, il-proposta għar-riformulazzjoni tal-ETD u l-proposta li tirrevedi l-EU ETS, inkluż l-introduzzjoni tal-iskambju ta’ kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq, jikkomplementaw lil xulxin.

[7] Il-Kummissjoni Ewropea. (2020). Il-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2021: l-Anness I jiddeskrivi l-istrumenti kollha li għandhom jiġu proposti, fost oħrajn ir-rieżami tat-tassazzjoni fuq l-enerġija (l-ETD).

L-inizjattivi l-oħra tal-"Pakkett Lest għall-Mira ta' 55 %" jinkludu proposti ġodda u r-rieżami tal-acquis eżistenti fil-qasam tal-politika tal-klima, l-enerġija u t-trasport:

- is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emissions Trading System) tal-UE [8], biex tiġi adattata għall-mira l-ġdida tal-klima u biex tintroduċi skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport marittimu u bit-triq, kif ukoll biex tbiddel it-trattament tas-settur tal-avjazzjoni, li diġà huwa inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha;
- ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR, Effort Sharing Regulation)[9] dwar it-tnaqqis vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030;
- ir-regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi u tal-vetturi kummerċjali ħfief[10];
- id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED, Renewable Energy Directive)[11];
- l-inizjattiva "ReFuelEU Aviation" li għandha l-għan li tagħti spinta lill-produzzjoni u lill-adozzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fis-settur tat-trasport bl-ajru;
- l-inizjattiva "FuelEU Maritime" li għandha l-għan li żżid id-domanda ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur tat-trasport marittimu;
- id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija biex timplimenta l-ambizzjoni tal-mira klimatika ġdida tal-2030 (EED, Energy Efficiency Directive) u tikkontribwixxi għal tranżizzjoni ġusta;
- Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri ġdid;
- ir-Regolament dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF, land use, land use change and forestry)[12];
- id-Direttiva dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi[13];
- ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli (Tassonomija)[14].

---

8 Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

9 Ir-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi.

10 Ir-Regolament (UE) 2019/631 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

11 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 – Din id-direttiva tistabbilixxi obbligu fuq il-fornituri tal-fjuwils biex jiżguraw sehem obbligatorju minimu ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport sal-2030.

12 Ir-Regolament (UE) 2018/841 tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030.

13 Id-Direttiva 2014/94/UE tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi.

14 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Barra minn hekk, ir-riformulazzjoni tal-ETD tappoġġa l-ambizzjoni ta' tniġġis żero li ttieħed impenn dwarha fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-politiki dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-klima, l-enerġija u l-mobbiltà skont il-Programm Qafas għar-Riċerka Orizzont 2020 2021-2027.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jippermetti li l-UE tistabbilixxi regoli armonizzati sabiex tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Barra minn hekk, jistgħu jiġu adottati dispożizzjonijiet xierqa ta' natura fiskali maħsuba, fost affarijiet oħra, biex jippreservaw u jħarsu l-ambjent skont l-Artikolu 192(2), l-ewwel subparagrafu, tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

In-nuqqasijiet ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu rimedjati biss permezz ta' reviżjoni tal-ETD, flimkien ma' miżuri ta' politika oħra tal-UE. Skont l-ETD eżistenti, l-Istati Membri jistgħu jżidu r-rati tat-taxxi tagħhom fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku, jiddeċiedu li ma jużawx eżenzjonijiet u tnaqqis possibbli jew jintroduċu objettivi relatati mal-ambjent u l-klima. Madankollu, dawn l-approċċi nazzjonali jirriskjaw li joħolqu distorsjoni fis-suq intern u jimminaw l-objettivi tal-EGD minħabba l-istruttura mhux armonizzata u l-livell tat-taxxi nazzjonali:

(1) Ir-rati minimi attwali jistgħu jillimitaw il-livell tal-ambizzjoni ambjentali li l-Istati Membri jistgħu jsegwu b'taxxi fuq l-enerġija, b'mod partikolari billi t-tassazzjoni fuq l-enerġija taffettwa direttament il-kostijiet għall-kumpaniji.

(2) Jenħtieġ li l-armonizzazzjoni tat-tassazzjoni fuq l-enerġija permezz tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-effetti dannużi tal-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa fuq l-enerġija bejn l-Istati Membri, li jirriżultaw pereżempju mir-rilokazzjoni possibbli tan-negozji lejn Stati Membri b'reġimi tat-taxxa aktar ta' benefiċċju.

(3) Is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) uriet li hija għodda effettiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-installazzjonijiet koperti mill-iskema. L-estensjoni tal-EU ETS għas-settur marittimu u l-introduzzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u l-bini huma proposti bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %". Madankollu, it-tassazzjoni fuq l-enerġija fl-Istati Membri teżisti flimkien mal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fil-livell tal-UE u l-ETD trid tiżgura li r-rati minimi tat-taxxa stabbiliti fil-livell tal-UE jipprovdu inċentivi li huma allinjati mal-objettivi tal-UE dwar l-enerġija, il-klima u l-ambjent. F'dak il-kuntest, azzjoni fil-livell tal-UE tista' tiżgura l-koerenza bejn l-applikazzjoni tal-EU ETS u t-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku, kif ukoll approċċ komuni tal-UE fir-rigward tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija.

L-ilħiq tal-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-ambjent jirrikjedi taħlita ta' strumenti ta' politika u qafas effettiv tat-tassazzjoni tal-UE, filwaqt li jappoġġa miżuri ta' politika oħra tal-UE, jista' jevita għażliet nazzjonali li jwasslu għal distorsjonijiet tas-suq intern u/jew tassazzjoni doppja.

Ir-riformulazzjoni tal-ETD u ż-żmien meta din isseħħ iridu jitqiesu fl-ambitu usa' tal-aġenda tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-objettiv biex l-ETD tinġieb f'konformità aktar mill-qrib mal-objettivi tiegħu jista' jiġi implimentat biss permezz ta' att adottat mill-Unjoni, li jirriformula l-ETD.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

L-objettivi tal-proposta attwali jinkisbu l-aħjar bir-riformulazzjoni tad-Direttiva attwali biex jinkiseb l-effett spjegat hawn fuq. Il-proposta hija prinċipalment ikkonċernata b'xi komponenti essenzjali tad-Direttiva: l-istruttura tat-tassazzjoni u r-relazzjoni bejn it-trattamenti tat-taxxa rispettivi tas-sorsi tal-enerġija differenti.

Il-proposta fl-aspetti kollha tagħha hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi segwiti.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta hija Direttiva. F'dan il-qasam diġà kopert minn Direttiva eżistenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jżommu marġni importanti ta' flessibbiltà, kif spjegat hawn fuq. B'hekk, mezzi oħra għajr Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/96/KE ma jkunux adegwati.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**[15]

L-ETD inizjalment għamlet kontribut pożittiv ġenerali għal-objettiv prinċipali tagħha li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, tipprevjeni t-tassazzjoni doppja jew kwalunkwe distorsjoni tal-kummerċ u l-kompetizzjoni bejn is-sorsi tal-enerġija u l-konsumaturi u l-fornituri tal-enerġija.

Madankollu, hekk kif it-teknoloġiji, ir-rati tat-taxxa nazzjonali u s-swieq tal-enerġija evolvew matul l-aħħar 15-il sena, l-ETD fil-forma preżenti tagħha ma għadhiex tagħti l-istess kontribut pożittiv. Barra minn hekk, il-qafas leġiżlattiv u l-objettivi ta' politika tal-UE żviluppaw b'mod sinifikanti mill-adozzjoni tal-ETD fl-2003 u dan irriżulta f'xi kwistjonijiet ta' rilevanza u koerenza. B'riżultat ta' dan, il-valur miżjud tal-UE ġenerali tal-ETD naqas b'mod sinifikanti maż-żmien b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' indiċjar tar-rati minimi u l-użu estensiv u diverġenti ħafna ta' eżenzjonijiet fakultattivi mit-taxxa mill-Istati Membri u minħabba l-ambjent ta' politika li qed jinbidel.

Din l-ETD tikkontribwixxi biss sa punt limitat ħafna għall-objettivi ta' politika ekonomiċi, soċjali u ambjentali usa' tal-UE. L-UE hija mill-inqas parzjalment koerenti mal-isforzi ta' politika biex tippromwovi l-użu ta' enerġija rinnovabbli u żieda fl-effiċjenza fl-enerġija iżda mhux daqstant fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u emissjonijiet ta'

[15] Rapport - Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, 2019

gassijiet oħrajn kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija jew l-indipendenza enerġetika u s-sigurtà. Ir-raġunijiet ewlenin identifikati għal dan in-nuqqas ta' koerenza jinkludu n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-valur enerġetiku u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku, livelli minimi ta' tassazzjoni baxxi (wisq) u (wisq) eżenzjonijiet. Għall-istess raġunijiet, l-ETD ma tikkontribwix għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-tniġġis tal-arja. B'riżultat ta' dan, il-kontribuzzjoni tal-ETD biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali bħall-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 hija limitata. Barra minn hekk, l-ETD ma tagħmilx differenza bejn sorsi tal-elettriku rinnovabbli u dawk intensivi fl-enerġija u lanqas ma tqis il-prestazzjoni ambjentali tal-bijofjuwils. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tal-ETD dwar it-tassazzjoni tal-bijofjuwils mhumiex konformi mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-ambjent.

L-ETD tkopri sehem dejjem jonqos ta' taħlita enerġetika tal-UE hekk kif ikomplu jfeġġu teknoloġiji u prodotti ġodda (eż. gass bl-elettriku, fjuwils ta' oriġini mhux bijoloġika) jew isiru importanti. Konsegwentement, ir-reġim attwali tat-tassazzjoni fuq l-enerġija ma jistax jiżgura trattament preferenzjali ta' teknoloġiji u prodotti ġodda ambjentalment sostenibbli. Pereżempju, minkejja r-rilevanza għas-suq li qiegħda tiżdied tal-fjuwils rinnovabbli, it-trattament tat-taxxa tagħhom taħt l-ETD għadu jiddependi fuq regoli żviluppati fi żmien meta dawn il-fjuwils kienu alternattivi f'niċeċ.

L-ETD attwali tiżvantaġġa l-petrol meta mqabbel mad-diżil fil-forma ta' rata minima aktar baxxa għad-diżil. Dan joħloq domanda akbar għad-diżil. Barra minn hekk, fjuwils emerġenti huma żvantaġġati wkoll. Jekk mhumiex speċifikament elenkati fl-ETD attwali, tapplika r-rata tat-taxxa tal-fjuwils li jintużaw għal skopijiet ekwivalenti. Il-valur enerġetiku għal kull litru ta' dawn il-fjuwils huwa tipikament aktar baxx minn dak tal-fjuwil ekwivalenti. Dan iwassal għal rata tat-taxxa ogħla għal kull litru għall-fjuwils il-ġodda. Barra minn hekk, l-eżenzjoni obbligatorja mit-taxxa li tikkonċerna l-avjazzjoni internazzjonali u n-navigazzjoni fuq l-ilma hija problematika b'mod partikolari minħabba li mhijiex koerenti mal-isfidi u l-politiki klimatiċi preżenti.

Rigward l-avjazzjoni, l-UE nnegozjat, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri, ftehimiet ta' servizzi tal-ajru orizzontali u ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonkludew ukoll ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru ma' pajjiżi terzi. Il-ftehimiet tas-servizzi tal-ajru orizzontali jippermettu li l-UE temenda għadd ta' dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali tal-Istati Membri. Il-ftehimiet komprensivi dwar it-trasport bl-ajru jissostitwixxu l-ftehimiet bilaterali li ġew konklużi minn Stati Membri individwali ma' pajjiżi terzi. F'ħafna sitwazzjonijiet, dawn il-ftehimiet jippermettu t-tassazzjoni tal-fjuwil fornut fit-territorju ta' Stat Membru għall-użu f'inġenju tal-ajru li jopera titjiriet ġewwa l-UE.

Rigward it-trasport fuq l-ilma, il-Konvenzjoni ta' Mannheim riveduta tas-17 ta' Ottubru 1868 għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tirregola t-trasport fuq ir-Renu. Barra minn hekk, il-Ftehim dwar id-dwana u r-reġim tat-taxxa għaż-żejt tal-gass applikabbli għall-imħażen tal-bastimenti fin-navigazzjoni fuq ir-Renu[16] konkluż fi Strasburgu fis-16 ta' Mejju 1952 ("il-Ftehim ta' Strasburgu"), jipprevedi l-eżenzjoni taż-żejt tal-gass użat fuq ir-Renu u t-tributarji tagħha u

[16] Accord relatif au régime douanier et fiscal du gasoil consommé comme ravitaillement de bord dans la navigation rhénane Conclu à Strasbourg le 16 mai 1952.

passaġġi oħra fuq l-ilma. Billi jenħtieġ li l-fjuwil użat għat-trasport fuq l-ilma jiġi ntaxxat ugwalment fl-UE, l-Istati Membri li huma partijiet għall-Ftehim ta' Strasburgu kellhom jieħdu l-passi kollha xierqa biex jeliminaw b'mod effettiv l-inkompatibbiltajiet. Skont l-Artikolu 351, il-paragrafu 2 tat-TFUE, sa fejn it-trattati konklużi mill-Istati Membri tal-UE ma' pajjiżi terzi huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri kkonċernati jridu jieħdu l-passi kollha xierqa biex jeliminaw l-inkompatibbiltajiet stabbiliti.

Ir-rati minimi għall-fjuwils għat-tisħin huma baxxi wisq biex jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern billi dawn jirrappreżentaw biss sehem negliġibbli tal-prezz ta' dawn il-prodotti. Barra minn hekk, l-użu ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fakultattivi mogħtija kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-utenti kummerċjali jkomplu jżidu d-diverġenza, u jwasslu għal rati ta' tassazzjoni effettivi li jkunu aktar baxxi b'mod sinifikanti f'xi Stati Membri milli f'oħrajn.

Rati diverġenti ħafna fuq l-elettriku u l-gass naturali jiġu applikati flimkien ma' firxa wiesgħa ta' eżenzjonijiet u tnaqqis tat-taxxa li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-frammentazzjoni tas-suq intern.

Billi l-livelli tat-tassazzjoni taħt l-ETD ma jirriflettux xi loġika speċifika – pereżempju, billi ma jqisux il-valur enerġetiku u l-esternalitajiet – huwa permess li l-Istati Membri jistabbilixxu r-rati nazzjonali tagħhom kif jixtiequ mingħajr ma jkollhom għalfejn isegwu xi indikazzjoni jew proporzjon bejn il-prodotti. Konsegwentement, l-ETD attwali tista' tirriżulta f'sinjali tal-prezzijiet mhux xierqa għall-utenti, li jiddiżinċentivawhom milli jagħżlu sorsi tal-enerġija aktar ekoloġiċi u aktar effiċjenti u ma jkun żgurat l-ebda trattament konsistenti tas-sorsi tal-enerġija fil-livell nazzjonali.

L-ETD ma ħolqot l-ebda piż jew kost regolatorju konsiderevoli biex l-Istati Membri jew l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mad-Direttiva. Ħafna mill-kostijiet u l-piżijiet jiġu jew minn leġiżlazzjoni orizzontali jew minn miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali mhux preskritti fid-Direttiva u jvarjaw b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri jew is-setturi tal-attività ekonomika.

Id-diffikultajiet bl-implimentazzjoni tal-ETD kienu relatati mal-kumplessità, man-nuqqas ta' ċarezza, ma' test ambigwu u ma' interpretazzjonijiet ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-ETD. Dan imbagħad wassal għal inċertezzi bħal kundizzjonijiet mhux ċari għall-eliġibbiltà għal trattament tat-taxxa preferenzjali. Din l-inċertezza tista' tirrappreżenta kost għall-awtoritajiet tat-taxxa u għall-operaturi ekonomiċi, partikolarment meta din twassal għal litigazzjoni, espressa bħala kostijiet tal-għażla jew spejjeż ġuridiċi.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta ġiet ifformulata fl-isfond ta' firxa wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet esterni. Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati l-ewwel permezz ta' mekkaniżmu ta' feedback tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu u permezz ta' Konsultazzjoni Pubblika ddedikata.

Il-konsultazzjoni pubblika kienet miftuħa mit-22 ta' Lulju 2020 sal-14 ta' Ottubru 2020. B'kollox, ġew riċevuti 563 tweġiba minn 25 Stat Membru u minn ħames pajjiżi, flimkien ma' 129 dokument ta' pożizzjoni. Il-maġġoranza assoluta ta' dawk li wieġbu jaqblu mal-objettivi ġenerali tal-UE tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tniġġis u mal-applikazzjoni ta' dawn l-objettivi għar-reviżjoni tal-ETD. F'termini ta' prijoritajiet għar-rieżami tal-ETD, ħafna minn dawk li wieġbu qablu li jenħtieġ li r-reviżjoni tal-ETD tqis l-emissjonijiet tal-gassijiet serra

fid-definizzjoni tar-rati (li jenħtieġ li jkunu espressi wkoll f'valur enerġetiku minflok f'volum) u jenħtieġ li tintroduċi inċentivi għal sorsi ta' enerġija alternattivi bħall-idroġenu nadif u bijofjuwils sostenibbli. B'mod ġenerali, dawk li wieġbu wrew in-nuqqas ta' qbil tagħhom mat-tassazzjoni tas-setturi f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-konsultazzjoni pubblika kixfet appoġġ għall-ugwalizzazzjoni tat-taxxi għal modi differenti ta' trasport sabiex dawn ikunu jistgħu jikkompetu b'kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-iżvilupp ta' modi ta' trasport aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fir-rigward tal-miżuri soċjali ta' akkumpanjament, ħafna minn dawk li wieġbu appoġġaw spostament tal-piż tat-taxxa mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kif ukoll programmi ta' assistenza soċjali diretti lejn l-unitajiet domestiċi foqra.

Apparti l-konsultazzjoni pubblika, kien hemm konsultazzjonijiet diretti mal-Istati Membri, inklużi talbiet għal input fid-dawl tal-komputazzjoni tar-rati tat-taxxa effettivi, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati oħra.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Sabiex ikun eżaminat kif l-objettivi differenti tal-politika l-aħjar li jiġu indirizzati, ġew eżaminati għadd ta' approċċi u dawn tqabblu max-xenarju bażi.

Il-linja bażi tirrappreżenta l-qafas leġislattiv eżistenti għall-klima u l-enerġija għall-2030, jiġifieri l-miri tal-klima u l-enerġija maqbula preċedentement ta' tnaqqis ta' 40 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, kif ukoll l-għodod ta' politika ewlenin biex dawn jiġu implimentati. Din l-għażla politika tassumi li l-ETD tibqa' ma tinbidilx.

L-Għażla 1 tindiċja r-rati minimi u twessa' parzjalment il-bażi tat-taxxa filwaqt li żżomm l-istruttura tagħha sostanzjalment intatta. Is-setturi marittimi u tal-avjazzjoni ġewwa l-UE jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni b'rata minima żero billi jitneħħew l-eżenzjonijiet mit-taxxa attwali.

L-Għażla 2 tintroduċi sistema ta' rati simplifikati. Ir-rati minimi jiġu indiċjati u bbażati fuq il-valur enerġetiku u jiġi applikat perjodu tranżizzjonali (10 snin għall-Għażla 2a u perjodu iqsar sal-2030 għall-Għażla 2b). Din tiffoka fuq il-valur enerġetiku b'żieda fil-livell tat-tassazzjoni (l-aktar għall-fjuwils għat-tisħin) u l-estensjoni tal-bażi taxxabbli għan-navigazzjoni ġewwa l-UE fis-setturi marittimi u tal-avjazzjoni li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva b'rati minimi li jiżdiedu b'mod lineari matul perjodu tranżizzjonali ta' 10 snin. L-Għażla 2c tintroduċi komponent ġdid sabiex jiġu determinati r-rati li jqisu l-emissjonijiet ta' sustanzi inkwinanti fl-arja tal-prodotti li jinsabu fil-quċċata tal-karatteristiċi tal-Għażla 2a.

L-Għażla 3a tintroduċi komponent ta' kontenut ta' karbonju għas-setturi li attwalment mhumiex koperti mill-ETS, sabiex jiġi żgurat li dawk is-setturi jkunu soġġetti għall-ipprezzar tal-karbonju. Fir-rigward tal-Għażla 2, anki f'dan il-każ, jitqiesu żewġ perjodi tranżizzjonali (10 snin u perjodu iqsar sal-2030). F'din l-għażla tiġi analizzata wkoll l-introduzzjoni ta' komponent tat-tniġġis.

***Riżultati ewlenin***

Meta, f'Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet l-aġġornament tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-2030 ta' mill-inqas 55 %, meta mqabbel mal-1990, hija ddeskriviet ukoll l-azzjonijiet fis-setturi kollha tal-ekonomija li jikkomplementaw

l-isforzi nazzjonali biex tintlaħaq iż-żieda fl-ambizzjoni. Tħejjew valutazzjonijiet tal-impatt biex jappoġġaw ir-reviżjonijiet previsti tal-istrumenti leġiżlattivi ewlenin fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %".

F'dan l-isfond, din il-valutazzjoni tal-impatt analizzat id-diversi għażliet li permezz tagħhom ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv u effiċjenti għat-twettiq tal-mira aġġornata bħala parti minn pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" daqstant usa' filwaqt li jintlaħaq l-objettiv tas-suq intern li tiġi evitata l-erożjoni tad-dħul.

Abbażi tat-tqabbil tal-għażliet kif ukoll l-analiżi tal-għażliet speċifiċi ta' politika, kemm l-Għażla 2 kif ukoll l-Għażla 3 jilħqu l-objettivi b'mod mixtieq.

Dawn l-għażliet jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Klima u l-Enerġija kif ukoll għal objettivi oħra ta' politika.

Rigward il-perjodu tranżizzjonali, iż-żewġ perjodi (għaxar snin jew seba' snin) se jkollhom l-istess impatt sal-2035 f'kull għażla. Madankollu, l-għażliet b'perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin (l-Għażla 2a u 3a) jipprovdu l-aħjar riżultati meta mqabblin ma' perjodu tranżizzjonali iqsar meta titqies id-dimensjoni soċjali.

Meta jitqies il-komponent tat-tniġġis tal-arja, l-impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa assoċjat ma' impatt soċjali negattiv, permezz ta' żieda sostanzjali tal-prezz tal-faħam u tal-bijomassa.

Meta wieħed iqis li jenħtieġ li jiġi introdott l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju tat-trasport bit-triq u l-bini, kif propost fir-reviżjoni tal-proposta tal-EU ETS taħt il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", l-Għażla 2a titqies bħala l-aħjar għażla għax tevita kwalunkwe trikkib bejn iż-żewġ mekkaniżmi.

Estensjoni kkalibrata sew tal-EU ETS għas-settur marittimu u l-introduzzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u l-bini, flimkien mal-Għażla 2 għall-ETD, tgħin biex jintlaħaq l-objettiv klimatiku ambizzjuż tal-UE għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 55 % sal-2030 filwaqt li jippermettu li jintlaħqu l-bqija tal-objettivi tar-rieżami tal-ETD.

Il-valutazzjoni tal-impatt uriet ukoll li r-reviżjoni tal-ETD ma toħloqx piż żejjed fuq l-ekonomija. L-objettivi stabbiliti hawn fuq jistgħu jinkisbu b'kostijiet ekonomiċi limitati ħafna u r-reviżjoni tista' potenzjalment iġġib magħha benefiċċji ekonomiċi, b'mod partikolari jekk id-dħul addizzjonali mit-tassazzjoni tal-konsum tal-enerġija ġenerali jintuża mill-Istati Membri għall-kumpens ta' kostijiet soċjali mhux mixtieqa.

Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li ż-żieda fit-tassazzjoni tal-fjuwils fossili jista' jkollha aktar impatt fuq l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, b'mod partikolari għat-tisħin. F'dawk il-każijiet, jista' jsir kumpens għar-rigressività possibbli tat-taxxi fuq l-enerġija billi jiġi rriċiklat dak id-dħul biex jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' finanzjament ta' investimenti f'oġġetti u apparat b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija jew permezz ta' trasferimenti ta' somma f'daqqa. Pereżempju, l-analiżi turi li meta d-dħul żejjed mit-taxxi fuq l-enerġija jiġu trasferiti lura lill-unitajiet domestiċi fil-forma ta' somma f'daqqa, it-tibdil propost jinbidel għal wieħed progressiv billi dawn it-trasferimenti jiddeterminaw żieda akbar fl-introjtu nett tal-unitajiet domestiċi foqra.

Fil-linja bażi, id-dħul fl-Istati Membri huwa pproġettat li jonqos bi kważi 32 % bejn l-2020 u l-2035 minħabba l-evoluzzjoni mistennija tas-sistema tal-enerġija b'dipendenza li qed tonqos fuq il-fjuwils bis-saħħa tal-iffrankar tal-enerġija u l-bidla mill-fjuwils fossili. L-għażla ppreferuta ttaffi fil-biċċa l-kbira din ix-xejra billi żżid id-dħul.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Rigward il-kostijiet tal-funzjonament tad-Direttiva, l-implimentazzjoni speċifika tal-ETD tiddependi fuq diversi fatturi oħra. Dawn jinkludu aspetti bħal politiki speċifiċi nazzjonali jew politiki oħra tal-UE li qed jiġu applikati fl-istess dominju, prijoritajiet nazzjonali u wirt industrijali, kundizzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali prevalenti jew mudelli ta' negozju ta' setturi jew kumpaniji individwali.

Skont l-evalwazzjoni (diġà ppubblikata) tal-ETD attwali[17], minħabba l-flessibbiltà wiesgħa li l-ETD attwali ħalliet lill-Istati Membri biex japplikaw eżenzjonijiet, tnaqqis u rifużjonijiet, il-kalkolu tar-rati effettivi b'mod armonizzat madwar l-UE kien kumpless. B'mod partikolari, fil-ħin tal-evalwazzjoni ma kien jeżisti l-ebda ġbir ta' *data* uffiċjali li kien mgħammar biex jaqbad rati tat-taxxa effettivi. Għaldaqstant, kien diffiċli li jiġu individwati u kkwantifikati xi effetti tad-Direttiva.

Madankollu, fil-valutazzjoni tal-impatt attwali, xi kostijiet ekonomiċi ġew identifikati fit-taqsima rilevanti dwar l-impatti tal-għażla ta' politika.

Se jkun hemm xi kostijiet regolatorji (l-aktar għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet u l-aġġornament tas-sistemi tal-IT) għan-negozjanti fi prodotti tal-enerġija li għadhom kemm ġew introdotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ETD u għall-amministrazzjonijiet billi dawn il-prodotti se jkunu soġġetti għal xi dispożizzjonijiet tal-arranġamenti ġenerali tas-sisa[18]; madankollu, jenħtieġ li dawn il-kostijiet ikunu limitati għan-negozjanti tal-idroġenu u tal-bijomassa solida billi dawn il-prodotti se jingħataw l-istess simplifikazzjonijiet tal-kontroll tal-moviment bħall-gass naturali u l-faħam rispettivament. It-terminazzjoni tal-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa għal xi fjuwils jew setturi ta' attività (eż. l-avjazzjoni u s-settur marittimu) ma tbiddilx il-kostijiet regolatorji relatati mal-arranġamenti ġenerali billi l-fjuwils eżentati xorta waħda kienu soġġetti għal kontrolli ta' żamma u ċaqliq.

Il-ġbir tat-taxxa fuq il-fjuwil fis-settur tal-avjazzjoni mhuwiex mistenni li jkun problematiku minn perspettiva amministrattiva. Stati Membri diġà għandhom esperjenza fil-ġbir tat-taxxi fuq il-fjuwil f'modi oħra tat-trasport (prinċipalment it-trasport bit-triq). Huwa mistenni li tinġabar taxxa fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni b'mod simili, bil-fornituri tal-fjuwil li jiġbru t-taxxa meta jfornu l-pitrolju fl-ajruporti, imbagħad jittrasferixxu dawn il-fondi lill-awtoritajiet tat-taxxa rilevanti.

F'termini ta' effiċjenza, il-kostijiet tal-ġbir tat-taxxi attwali fuq il-karburanti jistgħu jintużaw bħala indikatur ta' kemm ikun jiswa biex tinġabar it-taxxa fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni. Studju tal-2012[19] sab li l-kostijiet amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi rrappreżentaw bejn 0,65 % u 0,85 % tad-dħul mit-taxxa fuq il-fjuwil. Huwa stmat li l-ġbir tat-taxxa fuq il-pitrolju jkun kemxejn aktar sempliċi, billi l-provvista tal-pitrolju hija kkonċentrata fl-ajruporti, li hemm ftit minnhom biss f'kull Stat Membru. Minħabba f'hekk, iċ-ċifra l-aktar baxxa ta' 0,65 % tad-dħul titqies li tirrappreżenta l-kostijiet amministrattivi tal-ġbir ta' taxxa fuq il-fjuwil.

Il-Kummissjoni kkummissjonat ukoll studju estern dwar it-tassazzjoni tal-avjazzjoni għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-impatt, fost oħrajn.

---

[17] Ara r-rapport tal-Kummissjoni: evaluation of the Energy Taxation Directive, SWD(2019) 329 final, tal-11.09.2019.

[18] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE.

[19] CE Delft *et al.* (2012). An inventory of measures for internalising external costs in transport. Brussell: il-Kummissjoni Ewropea.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ tat-tassazzjoni fuq il-konsum tal-enerġija jsir b'mod regolari mill-inqas darba fis-sena permezz tal-ġbir ta' informazzjoni mill-Istati Membri fl-okkażjoni tal-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar it-Taxxi Indiretti (ITEG, Indirect Tax Expert Group). Barra minn hekk, darbtejn fis-sena d-DĠ TAXUD flimkien mal-Istati Membri jaġġornaw il-bażi ta' *data* tal-informazzjoni dwar ir-rati applikabbli tat-taxxa fuq l-enerġija (il-bażi ta' *data* tat-Taxxi fl-Ewropa )

Barra minn hekk, l-ETD tipprevedi eżami regolari, abbażi ta' rapport u, meta jkun xieraq, proposta mill-Kummissjoni biex jiġu modifikati d-diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva u l-livelli minimi tat-tassazzjoni. Dan l-eżami għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-objettivi usa' tat-Trattat. Ladarba tiġi rieżaminata l-ETD, dan l-eżami se jkollu jiffoka b'mod partikolari fuq dan li ġej:

(a) kif l-Istati Membri jkunu implimentaw il-qafas il-ġdid għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fis-sistemi nazzjonali tagħhom,

(b) kif ippermettielhom jintegraw aħjar il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u tal-effiċjenza fl-enerġija u

(c) x'inhu l-impatt ekonomiku billi jitqies il-mod li bih l-Istati Membri jkunu użaw kwalunkwe dħul addizzjonali.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Ma hemm bżonn l-ebda dokument ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kummissjoni tipproponi b'effett mill-ewwel ta' Jannar 2023:

1) *Tassazzjoni fuq l-enerġija bbażata fuq il-valur enerġetiku tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku, u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom.*

Sabiex ikunu permessi l-objettivi diversifikati diġà msemmija (l-effiċjenza fl-enerġija, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-ġenerazzjoni tad-dħul, eċċ.), u biex jiġi żgurat, sa fejn ikun possibbli, li kollha kemm huma jkunu jistgħu jiġu segwiti b'mod konsistenti, jenħtieġ li t-tassazzjoni tintrabat mal-valur enerġetiku tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku, flimkien mal-prestazzjoni ambjentali tagħhom derivata mill-qafas ġenerali tal-UE.

It-tassazzjoni bbażata fuq il-valur enerġetiku tipprovdi referenza aħjar biex jitqabblu l-prodotti tal-enerġija differenti u l-elettriku u telimina t-trattament żvantaġġuż possibbli attwali tat-taxxa ta' ċerti prodotti, bħall-bijofjuwils.

Il-kunċett ta' "prestazzjoni ambjentali" u l-klassifikazzjoni korrispondenti tar-rati applikabbli jqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti differenti u t-trattament tagħhom taħt l-ETD attwali u fl-Istati Membri, l-evoluzzjoni mistennija tat-taħlita tal-enerġija tal-UE u huwa konsistenti mal-proposti l-oħra fil-"pakkett Lesti għall-mira ta' 55 %" (b'mod partikolari l-proposti għar-reviżjoni tal-EU ETS u l-RED II) u mal-objettiv ta' tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, biex tiġi żgurata l-koerenza u kontribut għall-objettivi komuni. Għaldaqstant, it-tassazzjoni fuq l-enerġija tkun ibbażata fuq il-valur kalorifiku nett tal-prodott tal-enerġija u l-elettriku kif stabbilit fl-Anness IV tad-Direttiva 2012/27/UE[20]. Fil-każ tal-prodotti derivati mill-bijomassa, il-valuri referenzjarji għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2018/2001[21] (ara l-Artikolu 1(2)(l-ewwel subparagrafu)).

Meta d-Direttivi msemmija hawn fuq ma jkunx fihom valur kalorifiku nett għall-prodott ikkonċernat, jenħtieġ li ssir referenza għall-informazzjoni disponibbli rilevanti dwar il-valur kalorifiku nett tiegħu (ara l-Artikolu 1(2)(it-tieni subparagrafu)).

Il-livelli minimi ta' tassazzjoni huma stabbiliti skont il-prestazzjoni ambjentali msemmija (jiġifieri, pereżempju, li l-bijofjuwils sostenibbli jiġu ntaxxati b'rati aktar baxxi) u huma espressi f'EUR/GJ (ara l-Artikoli 7, 8, 9, 10 u l-Anness I).

2) *Lista ta' prodotti tal-enerġija u definizzjonijiet applikabbli*

Jenħtieġ li l-ambitu tat-tassazzjoni jinkludi, fil-lista tal-prodotti tal-enerġija, sorsi tal-enerġija li jikkompetu magħhom u konsegwentement jenħtieġ li jiġi żgurat trattament fiskali unifikat u standardizzat tagħhom, anki f'termini tas-soġġezzjoni tagħhom għal dispożizzjonijiet ta' kontroll u moviment (ara l-Artikoli 2(1) u 21(1)).

Definizzjonijiet addizzjonali li ġejjin minn partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE (jiġifieri d-Direttiva (UE) 2018/2001 imsemmija hawn fuq) jew speċifikati fil-proposta se jippermettu trattament differenzjat tat-taxxa (ara d-definizzjonijiet fl-Artikolu 2(4) u (5)).

F'każ ta' prodott li jikkonsisti f'taħlita ta' prodott wieħed jew aktar, jenħtieġ li t-tassazzjoni ta' kull komponent tiġi ddeterminata skont dan, abbażi tar-rati applikabbli u indipendentement mill-kodiċi NM li taħtu jaqa' l-prodott kollu (ara l-Artikolu 2(6)).

Fl-aħħar nett, issir referenza għall-verżjoni attwalment applikabbli tan-Nomenklatura Magħquda (NM)[22]. Sabiex jiġi żgurat li r-referenza għall-kodiċijiet NM tiġi aġġornata kull meta jkun meħtieġ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tipproċedi għall-aġġornament (ara l-Artikoli 2(8) u 29).

---

[20] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

[21] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

[22] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 tal-21 ta' Settembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 361, 30.10.2020, p. 1).

3) *Dispożizzjonijiet rigward l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali*

It-tassazzjoni fuq l-enerġija tkopri l-prodotti tal-enerġija użati bħala karburanti jew fjuwils għat-tisħin, u l-elettriku. Konsegwentement, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ETD użi uniċi għajr il-karburant jew il-fjuwil għat-tisħin, u użi doppji tal-prodotti tal-enerġija, kif ukoll it-tassazzjoni tal-output tas-sħana. L-elettriku użat b'mod simili jenħtieġ li jiġi ttrattat l-istess (ara l-Artikolu 3).

4) *Klassifikazzjoni tar-rati u indiċjar tal-livelli minimi*

Sabiex jiġi żgurat li trattament konsistenti tas-sorsi tal-enerġija jestendi għal-livelli ta' tassazzjoni ffissati nazzjonalment -'il fuq mil-livelli minimi stabbiliti fil-proposta-, jenħtieġ li l-Istati Membri jirreplikaw ir-relazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni ffissati fil-proposta għad-diversi sorsi u użi tal-enerġija. Għal dak ir-rekwiżit, jenħtieġ li l-elettriku dejjem ikun fost l-inqas sorsi ta' enerġija ntaxxati bil-ħsieb li jitrawwem l-użu tiegħu, partikolarment fis-settur tat-trasport, u jenħtieġ li jkun ikklassifikat flimkien ma' karburanti u fjuwils għat-tisħin oħra (ara l-Artikolu 5(1)).

Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jitqiesu bħala prinċipju ġenerali ugwalment applikabbli, *mutatis mutandis*, kull meta d-Direttiva tippermetti differenzjazzjonijiet (ara l-Artikoli 13, 14, 15, 16, 17, u 18).

Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ppreservat il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni. Jenħtieġ li r-rati minimi jkunu aġġustati kull sena biex iqisu l-evoluzzjoni tal-valur reali tagħhom sabiex jiġi ppriservat il-livell attwali tal-armonizzazzjoni tar-rati. Biex titnaqqas il-volatilità li titnissel mill-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, jenħtieġ li dan l-allinjament isir abbażi tat-tibdil fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur madwar l-UE minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikat mill-Eurostat. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-livelli minimi riżultanti tat-tassazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ara l-Artikolu 5(2)).

5) *Livelli minimi differenti ta' tassazzjoni għall-karburanti, il-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku*

Jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi differenti ta' tassazzjoni għall-karburanti għat-trasport, għall-karburanti użati għal skopijiet speċifiċi (bħal fis-settur primarju), għall-fjuwils għat-tisħin u għall-elettriku. Meta jkun applikabbli perjodu tranżizzjonali, jenħtieġ li ż-żieda tal-livelli minimi tat-tassazzjoni - ħlief għall-fjuwils b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju - tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sa tmiem il-perjodu tranżizzjonali, u tqis ukoll il-ħtieġa li jiġu indiċjati dawk il-livelli minimi ta' tassazzjoni (ara l-Artikoli 7, 8, 9, 10 u l-Anness I).

F'konformità mal-objettivi tal-proposta, jenħtieġ li ma ssir l-ebda distinzjoni bejn l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali taż-żejt tal-gass bħala karburant kif ukoll bejn l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali għall-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku.

Biex tiġi ssimplifikata l-istruttura tal-livelli minimi tat-taxxa fejn possibbli, il-livelli minimi tat-tassazzjoni għal xi użi tal-karburanti (ara t-Tabella B fl-Anness I) huma allinjati mal-livelli minimi tat-tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils għat-tisħin (ara t-Tabella C fl-Anness I).

6) *Input użat għall-produzzjoni tal-elettriku*

It-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-produzzjoni tal-elettriku hija permessa għall-Istati Membri minbarra l-ETD, mingħajr il-ħtieġa li jiġu rispettati l-livelli minimi ta' tassazzjoni previsti fil-proposta, għal raġunijiet ta' politika ambjentali. L-Istati Membri li jixtiequ jintroduċu tali tassazzjoni jenħtieġ li tal-inqas jirreplikaw il-klassifikazzjoni stabbilita bejn il-livelli minimi stipulati fil-proposta, sabiex jipprovdu s-sinjali ambjentali t-tajba (ara l-Artikolu 13).

7) *Prodotti tal-enerġija u elettriku użati minn inġenji tal-ajru u bastimenti*

Mingħajr preġudizzju għal ftehimiet internazzjonali relatati mal-avjazzjoni, jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE[23] (ħlief dawk fornuti għal titjiriet tal-merkanzija biss), u għal navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE, inkluż is-sajd[24], jiġu ntaxxati (ara l-Artikoli 14 u 15).

Livell differenti ta' tassazzjoni jkun applikabbli għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għall-avjazzjoni mhux għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet mhux ta' divertiment ġewwa l-UE. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE[25] jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel tad-dispożizzjonijiet rigward l-avjazzjoni mhux għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet mhux ta' divertiment ġewwa l-UE, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għall-użu tal-karburanti jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli (inklużi bijofjuwils u bijogass sostenibbli, fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bijofjuwils u bijogass sostenibbli avvanzati, u fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika) u l-elettriku jkollhom rata minima ta' żero għal għaxar snin.

Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE tal-merkanzija jkunu eżentati bil-possibbiltà li Stat Membru jintaxxa dawk il-fjuwils għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss jew bis-saħħa ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali konklużi ma' Stati Membri oħra.

Għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE, skont it-tip ta' titjira.

Rigward in-navigazzjoni fuq l-ilma, meta wieħed iqis ir-riskju ta' tankering tal-fjuwil barra mill-UE, livell differenti ta' tassazzjoni jkun applikabbli għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għan-navigazzjoni tas-servizzi regolari marittimi u fuq l-ilma intern, sajd u trasport

23 "Navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE" tfisser titjiriet bejn żewġ ajruporti li jinsabu fl-Unjoni, inklużi titjiriet domestiċi.

24 "Navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" tfisser navigazzjoni bejn żewġ portijiet li jinsabu fl-Unjoni, inkluża navigazzjoni domestika.

25 "Avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti.
"Titjiriet ta' divertiment" għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru għal finijiet personali jew rikreazzjonali mhux assoċjati ma' użu għal skopijiet ta' negozju jew professjonali.

tal-merkanzija ġewwa l-UE (minn port tal-UE għal port ieħor tal-UE). Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE li jifdal (inkluż, fost oħrajn, in-navigazzjoni ta' dgħajjes privati tad-divertiment) ikunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

Għall-użi għan-navigazzjoni tas-servizzi regolari marittimi u fuq l-ilma intern, is-sajd u t-trasport bil-merkanzija ġewwa l-UE, jenħtieġ li l-livelli minimi ta' tassazzjoni jkunu dawk applikabbli għall-użu tal-karburanti għal skopijiet speċifiċi (għaldaqstant iktar baxxi minn dawk applikabbli għall-użu tal-karburant ġenerali). Sabiex jiġi pprovdut inċentiv għall-użu tagħhom, il-fjuwils alternattivi sostenibbli (inklużi l-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika) u l-elettriku jkollhom rata ta' żero għal għaxar snin.

Għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni msemmija qabel, skont it-tip ta' attività.

Fl-aħħar nett, f'xi portijiet, teżisti alternattiva aktar nadifa għall-produzzjoni tal-elettriku abbord bastiment bl-użu tal-elettriku mix-xatt (jiġifieri konnessjoni mal-grilja tal-elettriku ta' fuq ix-xatt). Sabiex jiġi stabbilit inċentiv għall-iżvilupp u l-użu tiegħu, l-elettriku mix-xatt ipprovdut lill-bastimenti waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet jista' jiġi eżentat.

Jenħtieġ li l-istess trattament ikun applikabbli għall-elettriku fornut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.

8) *Possibbiltà għal eżenzjonijiet mit-taxxa għal ċerti prodotti jew għall-elettriku minn ċerti sorsi*

Il-possibbiltà li jiġu applikati eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell tat-tassazzjoni tkun ġustifikata b'raġunijiet speċifiċi, b'mod partikolari objettivi ta' effiċjenza fl-enerġija u ħarsien tal-ambjent, f'ċerti każijiet bħal: elettriku minn sorsi rinnovabbli; elettriku magħmul minn ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-elettriku, jekk kemm-il darba l-ġeneraturi kkombinati ma jagħmlux ħsara lill-ambjent skont id-definizzjoni tal-UE; fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, bijofjuwils, bijolikwidi, bijogass sostenibbli avvanzati u prodotti sostenibbli avvanzati li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4401 u 4402 (ara l-Artikolu 16).

*9) Possibbiltà għal tnaqqis fit-taxxa għal ċerti użi*

Tnaqqis immirat, li ma jkunx iktar baxx mil-livelli minimi stabbiliti mill-proposta, jista' jkun meħtieġ għal raġunijiet differenti, bħall-implimentazzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija jew meta wieħed iqis kunsiderazzjonijiet soċjali (ara l-Artikolu 17).

Fost affarijiet oħra, tnaqqis possibbli li ma jmurx taħt il-livelli minimi jkun applikabbli għall-prodotti tal-enerġija użati bħala fjuwil għat-tisħin u l-elettriku jekk jintużaw mill-unitajiet domestiċi. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-livelli minimi tat-tassazzjoni jibdew minn żero u jiżdiedu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali f'kull sena (ara l-Artikolu 17(c)).

Il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati mill-unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli skont definizzjoni armonizzata tal-UE jistgħu jkunu eżentati għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (ara l-Artikolu 17(c)).

Rigward ċerti setturi (xogħlijiet agrikoli, ortikulturali jew akkwakulturali, u l-forestrija), ikun applikabbli tnaqqis fil-livell tat-tassazzjoni li ma jkunx iktar baxx mil-livelli minimi għall-prodotti tal-enerġija użati għal skopijiet ta' tisħin u għall-elettriku (ara l-Artikolu 17(d)).

*10) Negozji intensivi fl-użu tal-enerġija u entitajiet kummerċjali oħra*

Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa li ma jkunx iktar baxx mil-livelli minimi jista' jkun meħtieġ biex jinċentiva l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent u titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tas-settur produttiv tal-UE (ara l-Artikolu 18).

Dak it-tnaqqis ikun marbut ma' definizzjoni stretta jew ma sforzi verifikabbli li jwasslu għall-għanijiet imsemmija.

*11) Lista ta' prodotti tal-enerġija soġġetti għal dispożizzjonijiet ta' kontroll u moviment*

Biex titjieb iċ-ċertezza legali u jiġi indirizzat ir-riskju ta' frodi, jenħtieġ li prodotti tal-enerġija magħżula (eż. żjut lubrikanti) ikunu soġġetti għal dispożizzjonijiet ta' kontroll u moviment (ara l-Artikolu 21).

*12) Imponibbiltà ta' ċerti prodotti tal-enerġija*

Rigward l-analoġiji f'termini ta' kwalitajiet fiżiċi, jenħtieġ li l-avveniment taxxabbli għall-idroġenu jkun allinjat ma' dak għall-gass naturali, li t-taxxa għalih hija imponibbli fil-mument tal-provvista mid-distributur jew mir-ridistributur (ara l-Artikolu 22(4) (l-ewwel subparagrafu)).

Rigward l-elettriku, żviluppi riċenti u futuri ta' teknoloġiji tal-ħżin ikunu jeħtieġu li l-faċilitajiet ta' ħżin tal-elettriku u t-transformers tal-elettriku jistgħu jitqiesu bħala ridistributuri meta jipprovdu l-elettriku sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' tassazzjoni doppja (ara l-Artikolu 22(4) (it-tieni subparagrafu)).

Barra minn hekk, minħabba s-similaritajiet f'termini ta' kwalitajiet fiżiċi u s-sitwazzjonijiet diversifikati fl-Istati Membri, jenħtieġ li l-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2703 (peat) 4401 (qabs, injam f'laqx jew partikuli, serratura u skart u laqx tal-injam)) u 4402 (karbonju tal-injam) ikunu soġġetti għat-tassazzjoni u jsiru imponibbli fil-mument tal-konsenja fir-rigward tal-faħam, il-kokk u l-linjite u skont il-proċeduri stipulati minn kull Stat Membru (ara l-Artikolu 22(4)(il-ħames subparagrafu)).

*13) Definizzjoni tat-tankijiet standard*

Sabiex ikun żgurat moviment ħieles filwaqt li fl-istess ħin jiġu rispettati r-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli għall-vetturi kummerċjali u kontejners speċjali, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' tankijiet standard ta' tali vetturi tirrifletti l-fatt li t-tankijiet tal-fjuwil ma jkunux imwaħħla b'mod esklużiv ma' vetturi kummerċjali mill-manifattur tagħhom (ara l-Artikolu 25).

14) *Obbligu ta' rapportar għall-Istati Membri*

Sabiex ikollhom informazzjoni preċiża dwar il-funzjonament tad-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-livelli tat-tassazzjoni li japplikaw kif ukoll bil-volumi relatati tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku soġġetti għat-tassazzjoni (ara l-Artikolu 26).

15) *Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill*

Kull ħames snin u għall-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva u, fejn ikun xieraq, proposta biex tiġi mmodifikata.

Jenħtieġ li r-rapport tal-Kummissjoni, fost affarijiet oħra, jeżamina l-livelli minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzazzjonijiet stipulati f'din il-proposta. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati (ara l-Artikolu 31).

16) *Anness I u tabelli bir-rati minimi*

L-Anness I fih it-tabelli bil-livelli minimi tat-tassazzjoni - espressi f'EUR/GJ - ġeneralment applikabbli għall-karburanti għall-finijiet tal-Artikolu 7 u l-Artikolu 8(2), għall-fjuwils għat-tisħin u għall-elettriku (ara t-Tabelli A, B, C u D).

Dawn il-livelli minimi huma applikabbli bl-istess mod meta jissemmew minn dispożizzjonijiet oħra rilevanti tad-Direttiva.

↓ 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

2021/0213 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ~~li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ⌫ u partikolarment l-Artikolu ~~93~~ ⌦ 113 u l-Artikolu 192(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⌦ Ewropea ⌫ ,

⇨ Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali, ⇦

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⇨ Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, ⇦

⇨ Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali, ⇦

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE[26] ġiet emendata bosta drabi b'mod sostantiv[27]. Peress li għandhom isiru iżjed emendi, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Id-Direttiva 2003/96/KE ġiet adottata sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fir-rigward tat-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku. Id-Direttiva 2003/96/KE integrat ukoll ir-rekwiżiti ta' ħarsien ambjentali, b'mod partikolari, fid-dawl tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

[26] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).
[27] Ara l-Anness II, il-Parti A.

⬇ 2003/96/KE premessa 1 (adattat)

~~L-iskop tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 fuq l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-Sisa fuq żjut minerali[28] u tad-direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 fuq l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxi tas-Sisa fuq żjut minerali[29] hija ristretta għal żjut minerali.~~

⬇ 2003/96/KE premessa 2 (adattat)

~~L-assenza ta' proviżżjonijiet tal-Komunità li timponi rata minima ta' tassazzjoni fuq l-elettriku u prodotti ta' enerġija minbarra żjut minerali tista' taffetwa ħażin il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern.~~

⇩ ġdid

(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli ċari ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jkompli jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[30]. It-tassazzjoni fuq l-enerġija tista' tikkontribwixxi għall-ambizzjoni ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990, kif ukoll għall-objettiv ta' tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, billi jiġi żgurat li t-tassazzjoni tal-karburanti, tal-fjuwils għat-tisħin u tal-elettriku tirrifletti aħjar l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent u fuq is-saħħa. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni tal-enerġija għal dawk l-objettivi ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija tal-UE[31].

⬇ 2003/96/KE premessa 3 (adattat)

~~Il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern u s-seħħ ta' għanijiet ta' politiki oħra tal-Kommunità jinħtieġu livelli minimi ta' tassazzjoni li jkunu stabbiliti fuq livell Kommunitarju għall-bosta mill-prodotti tal-enerġija, u jinkludu l-elettriku, gass naturali u faħam.~~

⇩ ġdid

(4) It-tassazzjoni ambjentali tista' tkun mezz kosteffettiv biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni.

28 ~~ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 12. Direttiva kif l-aħħar amendata minn Direttiva 94/74/KE (ĠU L 365 tal-31.12.1994, p. 46).~~

29 ~~ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 19. Direttiva kif l-aħħar amendata minn Direttiva 94/74/KE.~~

30 COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.

31 14861/19 tal-5 ta' Diċembru 2019.

(5) Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw it-tassazzjoni tal-enerġija fuq il-karburanti, il-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku għal diversi skopijiet mhux neċessarjament u lanqas speċifikament jew esklużivament relatati mat-tnaqqis tal-gassijiet serra.

---

🡻 2003/96/KE premessa 4

(6) Differenzi sostanzjali dwar livelli nazzjonali ta’ tassazzjoni fuq l-enerġija minn Stati Membri tista’ tkun ta’ detriment għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern.

---

🡻 2003/96/KE premessa 5 (adattat)

(7) L-istabbiliment ta’ livelli minimi u approprjati ta’ tassazzjoni mill-~~Kommunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ jista’ jnaqqas differenzi eżistenti ta’ tassazzjoni fil-livell nazzjonali.

---

🡻 2003/96/KE premessa 6 (adattat)

~~Skond l-Artikolu 6 tat-Trattat, il-ħtiġijiet dwar il-protezzjoni tal-ambjent għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u implimentazzjoni ta' politiki oħra tal-Komunità.~~

---

🡻 2003/96/KE premessa 7 (adattat)

(8) Bħala sieħba tal-Konvenzjoni ~~kwadru~~ ⌦ Qafas ⌫ tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ rratifikat ~~il-Protokoll ta' Kyoto~~ ⌦ il-Ftehim ta’ Pariġi ⌫. It-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u, fejn xieraq, tal-elettriku hija waħda mill-istrumenti disponibbli biex jinkisbu ~~l-iskopijiet tal-Protokoll ta' Kyoto~~ ⌦ l-objettivi tal-Ftehim ta’ Pariġi ⌫.

---

⇩ ġdid

(9) Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli biex it-tassazzjoni tal-enerġija tkun ibbażata fuq il-valur enerġetiku tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku, flimkien mal-prestazzjonijiet ambjentali tagħhom. Għal dawn l-iskopijiet, jenħtieġ li ssir referenza għad-definizzjonijiet tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32], għad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33], u għar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34]. Barra minn hekk,

---

32 Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

33 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

34 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

jenħtieġ li l-lista tal-prodotti tal-enerġija tiġi aġġornata biex tinkludi ċerti prodotti tal-enerġija, sabiex jiġi żgurat trattament unifikat u standardizzat ta’ dawk il-fjuwils.

🡻 2003/96/KE premessa 8 (adattat)

~~Il-Kunsill jeħtieġ li jeżamina l-eżenzjonijiet u tnaqqis u livelli minimi ta' tassazzjoni perjodikament, wara li tikkonsidra l-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern, il-valur proprju tal-livelli minimi ta' tassazzjoni, il-kompetitività tal-kummerċ tal-Komunità fil-qafas internazzjonali u għanijiet usa tat-Trattat.~~

⇩ ġdid

(10) Fl-interess tan-newtralità fiskali, jenħtieġ li japplikaw l-istess livelli minimi ta’ tassazzjoni għal kull komponent tat-tassazzjoni tal-enerġija, għall-prodotti tal-enerġija kollha li jintużaw għal skop partikolari. Meta l-livelli minimi tat-tassazzjoni huma hekk preskritti, jenħtieġ li l-Istati Membri, anki għal raġunijiet ta’ newtralità fiskali, jiżguraw livelli ugwali ta’ tassazzjoni nazzjonali fuq il-prodotti kollha kkonċernati.

🡻 2003/96/KE premessa 9 (adattat)

~~Stati Membri għandhom jingħataw il-flessibilità neċessarja biex jiddefinixxu u jimplimentaw politiki xierqa skond iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom.~~

⇩ ġdid

(11) Jenħtieġ li f’kull ħin l-Istati Membri jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta’ tassazzjoni kif stipulati fl-anness fir-rigward ta’ prodotti differenti għal kull użu partikolari sabiex tiġi żgurata struttura ta’ rati mfassla għall-ambjent. Jenħtieġ li l-livelli minimi tat-tassazzjoni tal-enerġija jiġu allinjati awtomatikament kull sena biex titqies l-evoluzzjoni tal-valur reali tagħhom sabiex jiġi ppreservat il-livell kurrenti ta’ armonizzazzjoni tar-rati u għaldaqstant titnaqqas il-volatilità li tirriżulta mill-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel. Jenħtieġ li dan l-allinjament isir abbażi tat-tibdil fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur madwar l-Unjoni kollha minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikat mill-Eurostat.

(12) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta’ ċerti dispożizzjonijiet relatati ma’ xi prodotti jew użi, jenħtieġ perjodu tranżizzjonali ta’ applikazzjoni.

🡻 2003/96/KE premessa 10 (adattat)
⇨ ġdid

(13) ⇨ Bħala prinċipju ġenerali, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw livelli ta’ tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mhux inqas mil-livelli minimi ta’ tassazzjoni kif stabbiliti mid-Direttiva. ⇦ ~~Stati Membri jixtiequ jintroduċu jew iżommu tipi differenti ta' tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.~~ ~~Għal dan il-għan,~~ ~~Stati membri għandhom jiġu mħollija jħarsu il-livelli minimi ta’ tassazzjoni tal-Komunità~~ ⌦ Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iħarsu l-livelli minimi ta’ tassazzjoni tal-

Unjoni ⌫ billi jikkonsidraw il-piż tat-taxxi kollha indiretti li huma għażlu li japplikaw (imma teskludi l-VAT).

---

| ↓ 2003/96/KE premessa 11 (adattat) |
|---|

(14) Arranġamenti fiskali magħmula b'konnessjoni mal-implimentazzjoni ta' dan il-qafas ~~fi ħdan il-Komunità dwar tassazzjoni fuq~~ ⌦ tal-Unjoni għat-tassazzjoni ta' ⌫ prodotti tal-enerġija u l-elettriku huma suġġett għal kull Stat Membru li jiddeċiedi. F'dan ir-rigward, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jgħollux il-piż globali tat-taxxa jekk huma jikkonsidraw li l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju tan-newtralità ~~fuq it-taxxa~~ ⌦ fiskali ⌫ jista' jikkontribwixxi għar-ristrutturar u l-immodernizzar tas-sistema tagħhom ta' tassazzjoni billi jinkoraġġixxi aġir li jwassal għall-protezzjoni ikbar tal-ambjent u li jżid ix-xogħol.

---

| ↓ 2003/96/KE premessa 12 (adattat) |
|---|

(15) Prezzijiet fuq l-enerġija huma elementi importanti għall-politiki ~~tal-Komunità~~ dwar enerġija, trasport u ambjent ⌦ fl-Unjoni ⌫.

---

| ↓ 2003/96/KE premessa 13 |
|---|

~~It-tassazzjoni tistabbilixxi parzjalment il-prezz fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.~~

---

| ↓ 2003/96/KE premessa 14 |
|---|

~~Il-livelli minimi ta' tassazzjoni għandhom jirriflettu il-posizzjoni kompetittiva tal-prodotti differenti ta' enerġija u elettriku. Ikun ta' siwi jekk f'din il-konnessjoni wieħed jibbaża il-kalkulazzjoni ta' dawn il-livelli minimi kemm jista' jkun fuq il-kontenut ta' enerġija fil-prodotti. Madankollu, dan il-metodu ma għandux jiġi applikat fuq karburanti ta' karozzi jew muturi.~~

---

| ↓ 2003/96/KE premessa 15 |
|---|

~~Il-possibilità li wieħed japplika rati nazzjonali differenti ta' tassazzjoni fuq l-istess oġġett għandha tingħata f'ċerti ċirkostanzi jew kondizzjonijiet permanenti, iżda il-livelli mimimi ta' tassazzjoni tal-Komunità u s-suq intern u r-regolamenti tal-kompetizzjoni għandhom jiġu rispettati.~~

---

| ↓ 2003/96/KE premessa 16 (adattat) |
|---|

(16) Minħabba li s-sħana ~~huwa suġġett għall-kummerċ limitat fi ħdan il-Komunità, tassazzjoni tal-ħruġ tas-sħana għandha~~ ⌦ hija soġġetta biss għal kummerċ limitat ħafna fl-Unjoni, jenħtieġ li t-tassazzjoni tal-output tas-sħana ⌫ tibqa' barra mill-iskop ta' dan il-qafas ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫.

🡻 2003/96/KE premessa 17 (adattat)

(17) Huwa neċessarju li ~~l-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ tistabbilixxi livelli minimi u differenti ta’ tassazzjoni skont l-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku.

🡻 2003/96/KE premessa 18 (adattat)
⇨ ġdid

(18) Prodotti tal-enerġija użati bħala karburant ~~għall-għanijiet industrijali u kummerċjali~~ ⌦ għal ċerti għanijiet ⌫ u dawk użati bħala ~~karburant biex isaħħan~~ ⌦ fjuwil għat-tisħin ⌫ huma normalment intaxxati b’rati iktar baxxi minn dawk applikabbli fuq prodotti tal-enerġija użati bħala propellant. ⇨ Jenħtieġ li l-elettriku dejjem ikun fost l-inqas sorsi ta’ enerġija ntaxxati bil-ħsieb li jitrawwem l-użu tiegħu, partikolarment fis-settur tat-trasport. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex japplikaw l-istess livell ta’ tassazzjoni għall-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi bħall-iskopijiet ta’ tisħin matul iż-żmien meħtieġ wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva. ⇦

🡻 2003/96/KE premessa 19

~~It-tassazzjoni tal-karburant diesel użat minn persuni li jġorru l-merkanzija, speċjalment dawk li huma involuti f'attività fi ħdan nil-Komunità, tinħass il-ħtieġa ta' trattament speċifiku, li jinkludi miżuri li jagħtu lok għall-introduzzjoni ta' sistema ta' piżijiet għal min juża t-triq, sabiex jiġi limitat tfixkil tal-kompetizzjoni li l-operaturi jistgħu jiffaċċjaw.~~

⇩ ġdid

(19) Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li ma ssir l-ebda distinzjoni bejn id-diżil kummerċjali u dak mhux kummerċjali kif ukoll l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali għall-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku.

🡻 2003/96/KE premessa 20

~~Stati Membri jista' jkollhom bżonn li jagħmlu differenza bejn diesel kummerċjali u dak li mhuwiex. Stati Membri jistgħu jużaw din il-possibilità biex inaqqsu d-differenza bejn tassazzjoni ta' nafta mhux kummerċjali użata bħala propellant u petrol.~~

🡻 2003/96/KE premessa 21

~~Prodotti ta' enerġija u elettriku użati kemm għall-negozju kif ukoll dawk li ma jintużawx għall-negozju jistgħu jiġu ttrattati differenti għall-skopijiet ta' taxxa.~~

🡻 2003/96/KE premessa 22 (adattat)

(20) ~~Prodotti ta’ enerġija essenzalment għandhom ikunu soġġetti għall-qafas fi ħdan il-Komunità~~ ⌦ Essenzjalment jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija jkunu soġġetti għal

qafas tal-Unjoni ⌫ meta jkunu użati bħala ~~karburant li jsaħħan~~ ⌦ fjuwil għat-tisħin ⌫ jew karburant ~~għall-karozzi~~. Għal dan il-għan, hija fin-natura u l-loġika tas-sistema ta' taxxa li teskludi ~~mill-iskop~~ ⌦ mill-kamp ta' applikazzjoni ⌫ ta' dan il-qafas l-użu doppju u użu ta' prodotti tal-enerġija ~~li mhux karburant~~ ⌦ mhux bħala fjuwil ⌫ ~~kif ukoll ipproċessar tal-mineraloġija~~. ⌦ Jenħtieġ li ⌫ elettriku użat bl-istess manjiera ~~għandu~~ jiġi ttrattat l-istess.

---

🡻 2003/96/KE premessa 23

~~Obbligi internazzjonali eżistenti u ż-żamma ta' posizzjoni kompettitiva ta' kumpaniji tal-Komunità tagħti lok biex jinżammu l-eżenzjonijiet ta' prodotti ta' enerġija forniti għall-navigazzjoni bl-ajru u bil-baħar, minbarra dawk għal skopijiet privati jew ta' divertiment, waqt li għandu jkun possibli għall-Stati Membri li jillimitaw dawn l-eżenzjonijiet.~~

---

⇩ ġdid

(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Tradizzjonalment, il-fjuwil tal-avjazzjoni kellu reġim fiskali privileġġat. Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li, mingħajr preġudizzju għal dawk il-ftehimiet internazzjonali, jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE, ħlief għat-titjiriet tal-merkanzija biss, jiġu ntaxxati. L-eżenzjoni għall-fjuwil użat minn titjiriet tal-merkanzija biss għadha meħtieġa fin-nuqqas ta' alternattivi aktar effiċjenti.

(22) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

(23) Jenħtieġ li l-fjuwil użat għan-navigazzjoni fuq l-ilma, inkluż is-sajd, jiġi ntaxxat ukoll, u l-Istati Membri li huma parti għall-ftehimiet internazzjonali li jipprevedu l-eżenzjoni ta' dak il-fjuwil, sad-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ikollhom jiżguraw li jeliminaw l-inkompatibbiltajiet. Huwa meħtieġ li jiġi permess li jiġi applikat livell differenti ta' tassazzjoni għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għan-navigazzjoni tas-servizz regolari fuq l-ilma ġewwa l-UE, is-sajd u t-trasport tal-merkanzija u l-attivitajiet rispettivi tagħhom fl-irmiġġ. Meta wieħed iqis l-ispeċifiċità ta' dawk l-użi, jenħtieġ li l-livelli minimi ta' tassazzjoni jkunu aktar baxxi minn dawk applikabbli għall-użu ta' karburant ġenerali. Sabiex jingħata inċentiv għall-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku, jenħtieġ li dawn il-fjuwils u l-elettriku jiġu eżentati mit-tassazzjoni għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE li jifdal ikunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

(24) Għal navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, u għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE, inkluż is-sajd, l-Istati

Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni ta' ġewwa l-UE, skont it-tip ta' attività.

---

↓ 2003/96/KE premessa 24
⇨ ġdid

(25) Stati Membri għandhom jiġu permessi li japplikaw eżenzjonijiet oħra jew livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni, sakemm dan ma jkunx ta' detriment ⇨għall-objettivi ambjentali,⇦ għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u li ma jirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni.

---

↓ 2003/96/KE premessa 25 (adattat)
⇨ ġdid

(26) B'mod partikolari, il-ġenerazzjoni ⌦ kkombinata ⌫ tas-sħana u ⌦ tal-elettriku ⌫ ~~kapaċità kkombinati~~ ⇨effiċjenti ħafna⇦ u, sabiex jippromwovu l-użu ~~alternattiv~~ ta' sorsi ta' enerġija ⌦ alternattivi ⌫ , forom rinnovabbli ta' enerġija jistgħu jikkwalifikaw għal trattament preferenzjali.

---

↓ 2003/96/KE premessa 26

~~Tinħass il-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas fil-Komunità li jippermetti lil Stati Membri li jeżentaw jew inaqqsu it-Taxxi tas-Sisa u b'hekk jinkoraġixxu il-bijokarburanti, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u kif ukoll Stati Membri li jistgħu flimkien ma' operaturi ekonomiċi ikollhom ċertezza legali suffiċjenti. Tfixkil fil-kompetizzjoni għandu jiġi limitat u l-inċentiv ta' tnaqqis fl-ispejjeż bażiċi għall-produtturi u distributuri ta' bijokarburanti għandu jinżamm, inter alia, kif ukoll aġġustamenti ta' Stati Membri meta tikkonsidra t-tibdil fil-prezzijiet ta' materja prima.~~

---

↓ 2003/96/KE premessa 27 (adattat)

~~Din id-Direttiva se tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet relavanti tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 fuq l-arranġamenti ġenerali ta' prodotti li huma suġġett għat-taxxa tas-Sisa u fuq iż-żamma, moviment u kontroll ta' dawn il-prodotti[35], u d-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 fuq l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxa tas-Sisa fuq l-alkoħol u xarbiet alkoħoliċi[36], meta l-prodott li se jiġi użat, offrut għall-bejgħ jew użat bħala karburant tal-karozzi jew addittiv mal-karburant ikun alkoħol etiliku kif definit fid-Direttiva 92/83/KEE.~~

---

35 ~~ĠU L 76, tal-23.3.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar amendata minn Direttiva 2000/47/KE (ĠU L 193 tal-29.7.2000, p. 73).~~

36 ~~ĠU L 316, tal-31.10.1992, p. 21.~~

➔ 2003/96/KE premessa 28

~~Ċertu eżenzjonijiet u tnaqqis fil-livell tat-taxxa jistgħu jirriżultaw neċessarji; l-iktar minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq livell Komunitarju, minħabba riskji ta' telf ta' kompettitivita internazzjonali jew minħabba konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali.~~

⇩ ġdid

(27) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jinċentiva l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent u titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tas-settur produttiv tal-Unjoni.

(28) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jindirizza l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

➔ 2003/96/KE premessa 29

~~Negozji li jidħlu f'arranġamenti biex isaħħu sostanzjalment il-protezzjoni fuq l-ambjent u l-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija għandhom jingħataw attenzjoni; fost dawn in-negozji, dawk li jimmiraw fuq l-enerġija speċifikament jistħoqqilhom trattament speċifiku.~~

➔ 2003/96/KE premessa 30

~~Perjodi ta' transizzjoni u arranġamenti jistgħu ikunu bżonnjużi sabiex Stati Membri ikollhom iċ-ċans jadottaw għall-livelli ġodda ta' tassazzjoni, b'hekk jillimitaw konsegwenzi negattivi li jistgħu jinqalgħu.~~

➔ 2003/96/KE premessa 31
⇨ ġdid

(29) ⇨ Bil-ħsieb ta' effetti finanzjarji, ekonomiċi u ambjentali fuq kull Stat Membru, bħall-ħtieġa tal-elettrifikazzjoni tas-settur tat-trasport, ⇦ ~~H~~huwa neċessarju li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, fuq eżenzjonijiet oħra u tnaqqis ieħor fil-livelli ta' tassazzjoni. ⇨ Għal raġunijiet ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, huwa meħtieġ li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, ta' rati speċifiċi miżjuda. Jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni, wara talba ġustifikata mill-Istati Membri u fuq proposta mill-Kummissjoni, tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE. ⇦ ~~Dawn l-eżenzjonijiet jew tnaqqis għandhom ikunu taħt kontroll regolari~~ ⇨ Jenħtieġ li dawn il-miżuri jsirilhom rieżami regolari ⇦.

⇩ ġdid

(30) Jenħtieġ li l-lista ta' prodotti tal-enerġija soġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-moviment tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE[37] tinkludi prodotti tal-enerġija magħżula, sabiex jiġi żgurat trattament unifikat u standardizzat ta' dawk il-prodotti u sabiex jitqies ir-riskju ta' evażjoni, evitar jew abbuż tat-taxxa.

(31) Sabiex ikun żgurat moviment ħieles filwaqt li fl-istess ħin jiġu rrispettati r-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli għall-vetturi kummerċjali u kontejners speċjali, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' tankijiet standard ta' tali vetturi tirrifletti l-fatt li t-tankijiet tal-fjuwil ma jkunux imwaħħla b'mod esklużiv ma' vetturi kummerċjali mill-manifattur tagħhom.

↓ 2003/96/KE premessa 32 (adattat)

(32) Għandha ssir dispożizzjoni għal Stati Membri biex javżaw lill-Kummissjoni fuq ċertu miżuri nazzjonali. Din in-notifikazzjoni ma għandhiex tħoll lil Stati Membri mill-obbligazzjoni, kif imqiegħda fl-Artikolu ~~88~~ ⌦ 108 ⌫ (3) ~~tat-Trattat~~ ⌦ tat-TFUE ⌫, li javżaw fuq ċertu miżuri nazzjonali. ~~Din id-Direttiva hija~~ ⌦ Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun ⌫ mingħajr preġudizzju ~~għal xi għajnuna statali~~ ⌦ għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura ta' għajnuna mill-Istat ⌫ li tista' tingħata fil-futur u li ssir skont l-Artikoli ~~87~~ ⌦ 107 ⌫ u ~~88~~ ⌦ 108 ⌫ ~~tat-Trattat~~ ⌦ tat-TFUE ⌫ .

↓ 2003/96/KE premessa 33

(33) ~~L-għan tad-Direttiva 92/12/KEE għandu~~ <u>Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/118/KE</u>, fejn xieraq, ikun estiż għall-prodotti u taxxi indiretti koperti minn din id-Direttiva.

⇩ ġdid

(34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tiddetermina jekk hemmx l-obbligu li d-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-moviment tad-Direttiva 2008/118/KE għandhomx japplikaw għall-prodotti li jirriżultaw f'evażjoni, evitar jew abbuż. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38].

[37] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

[38] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

🡻 2003/96/KE premessa 34 (adattat)

~~Il-miżuri neċessarji dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 fejn hemm il-proċeduri dwar l-eżerċizzju ta' implimentazzjoni li għandha l-Kummissjoni[39],~~

⇩ ġdid

(35) Jenħtieġ li ssir referenza għall-verżjoni attwalment applikabbli tan-Nomenklatura Magħquda. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) f'din id-Direttiva jiġu aġġornati kull meta jkun meħtieġ, u r-rati minimi ta' tassazzjoni jirriflettu l-evoluzzjoni tal-prezzijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-aġġornament tar-referenza ta' dawk il-kodiċijiet NM, u fir-rigward tal-aġġornament tar-rati minimi tat-taxxa bbażati fuq varjazzjonijiet annwali tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Kunsill jirċievi d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

(37) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttiva ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttiva ta' qabel.

(38) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati ta' applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II, il-Parti B,

39 ~~ĠU L 184, tal-17.7.1999, p. 23.~~

🡻 2003/96/KE

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. Stati Membri għandhom jimponu tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku skont din id-Direttiva.

⇩ ġdid

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-tassazzjoni għandha tiġi kkalkulata f'EUR/Gigajoules abbażi tal-valur kalorifiku nett tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku kif stabbilit fl-Anness IV tad-Direttiva 2012/27/UE, ikkonvertit f'Gigajoules. Fil-każ tal-prodotti dderivati mill-bijomassa, il-valuri referenzjarji għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2018/2001, ikkonvertiti f'Gigajoules.

Meta d-Direttiva 2012/27/KE jew id-Direttiva 2018/2001/KE, skont il-każ li jkun, ma jkunx fihom valur kalorifiku nett għall-prodott ikkonċernat, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-informazzjoni disponibbli rilevanti fuq il-valur kalorifiku nett tiegħu.

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 2*

1. Għall-għanijiet ta'din id-Direttiva, it-terminu "prodotti tal-enerġija" għandu japplika għall-prodotti:

(a) li huma deskritti taħt il-Kodiċi⌦ jiet ⌫ NM 1507 sa 1518, jekk dawn il-prodotti se jintużaw bħala ~~karburant li jsaħħan~~ ⌦ fjuwil għat-tisħin ⌫ u karburant ~~tal-karozzi~~;

(b) li huma deskritti taħt il-Kodiċi⌦ jiet ⌫ NM ⇨ 2207, 2208 90 91 u 2208 90 99 jekk dawn ikunu maħsuba għal użu bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant u huma eżentati mit-taxxa tas-sisa armonizzata fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, f'konformità mal-Artikolu 27(1), il-punti (a) jew (b), tad-Direttiva 92/83/KE[40] ⇦ ~~2701, 2702 u 2704 sa 2715~~;

(c) li huma deskritti taħt il-Kodiċi⌦ jiet ⌫ NM ⇨ 2701 sa 2715 ⇦ ~~2901 u 2902~~;

(d) li huma deskritti taħt il-Kodiċi NM ⇨ 2804 10 ⇦ ~~2905 11 00, li ma għandhomx oriġini sintetika~~, jekk dawn se jintużaw bħala ~~karburant li jsaħħan u~~ ⌦ fjuwil għat-tisħin jew ⌫ karburant ~~tal-karozzi~~;

[40] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 316, 31.10.1992, p. 21).

⇩ ġdid

(e) li huma deskritti taħt il-Kodiċi NM 2814, jekk dawn se jintużaw bħala karburant;

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

(ef) li huma deskritti taħt il-Kodiċi⌦ jiet ⌫ NM ~~3403~~ ⇨ 2901 u 2902 ⇦;

(fg) li huma deskritti taħt il-Kodiċi NM ~~3811~~ ⇨ 2905 11 00, li ma għandhomx oriġini sintetika, jekk dawn se jintużaw bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant ⇦;

(gh) li huma deskritti taħt il-Kodiċi⌦ jiet ⌫ NM ~~3817~~ ⇨ 2909 19 10 u 2909 19 90, jekk dan tal-aħħar ikun se jintuża bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant ⇦;

(hi) li huma deskritti taħt il-Kodiċi NM ⇨ 3403;⇦ ~~38249986, 38249992 (esklużi l-preparazzjonijiet kontra s-sadid li fihom l-amini bħala kostitwenti attivi u s-solventi u t-tinners inorganiċi komposti għall-verniċ u prodotti simili), 38249993, 38249996 (esklużi l-preparazzjonijiet kontra s-sadid li fihom l-amini bħala kostitwenti attivi u s-solventi u t-tinners inorganiċi komposti għall-verniċ u prodotti simili) 38260010 u 38260090 bħala karburant li jsaħħan u karburant tal-karozzi.~~

⇩ ġdid

(j) li huma deskritti taħt il-Kodiċi NM 3811;

(k) li huma deskritti taħt il-Kodiċi NM 3814, jekk dawn se jintużaw bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant;

(l) li huma deskritti taħt il-Kodiċi NM 3817;

(m) li huma deskritti taħt il-Kodiċi NM 3823 19, jekk dawn se jintużaw bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant;

(n) li huma deskritti taħt il-Kodiċijiet NM 3824 99 86, 3824 99 92 (esklużi l-preparati kontra s-sadid li fihom l-amini bħala kostitwenti attivi u s-solventi u t-thinners inorganiċi komposti għall-verniċ u prodotti simili), 3824 99 93, 3824 99 96 (esklużi l-preparati kontra s-sadid li fihom l-amini bħala kostitwenti attivi u s-solventi u t-thinners inorganiċi komposti għall-verniċ u prodotti simili), 3826 00 10 u 3826 00 90 jekk dawn se jintużaw bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant;

(o) li huma deskritti taħt il-Kodiċijiet NM 4401 u 4402 jekk dawn se jintużaw bħala fjuwil għat-tisħin f'installazzjonijiet b'input termiku nominali totali ta' 5 MW jew aktar.

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

2. Din id-Direttiva ⌦ għandha ⌫ tapplika wkoll għal:

Elettriku kif deskritt taħt il-Kodiċi NM 2716.

3. Meta l-prodotti tal-enerġija, minbarra dawk li għalihom hemm livell⌦ i ⌫ ⇨ minimi ⇦ ta' tassazzjoni ~~speċifikata~~ ⌦ speċifikati ⌫ f'din id-Direttiva, ikunu

intenzjonati għall-użu, għall-bejgħ jew użati bħala karburant tal-karozzi jew karburant li jsaħħan ⌦ jew fjuwil għat-tisħin ⌫ , dawn għandhom jiġu ntaxxati skont l-użu, bl-istess rata tal-karburant li jsaħħan u ⌦ tal-fjuwil għat-tisħin jew ⌫ il-karburant tal-karozzi.

Minbarra dawn il-prodotti taxxabli kif imniżżla fil-paragrafu 1, kull prodott li se jintuża, jinbiegħ jew jiġi użat bħala karburant tal-karozzi, jew bħala addittiv jew sustanza miżjuda fil-karburanti tal-karozzi, għandu jiġi intaxxat bl-istess rata tal-karburant tal-karozzi.

Minbarra dawn il-prodotti taxxabli kif imniżżla fil-paragrafu 1, kull idrokarbonju ieħor, minbarra l-pit, li se jintuża, jinbiegħ jew jiġi użat biex isaħħan għandu jiġi intaxxat b'rata ekwivalenti ta' prodott ta' enerġija.

---

⇩ ġdid

Prodotti għajr il-prodotti tal-enerġija, jekk intenzjonati għall-użu, offruti għall-bejgħ jew użati bħala karburant, għandhom jiġu ntaxxati bir-rata għall-karburant ekwivalenti.

Addittivi u estensuri għall-karburanti, minbarra l-ilma, għandhom jiġu ntaxxati bir-rata għall-karburant ekwivalenti.

L-idrokarburi għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1 u intenzjonati għall-użu, offruti għall-bejgħ jew użati għal skopijiet ta' tisħin, għandhom jiġu ntaxxati bir-rata għall-prodott tal-enerġija ekwivalenti.

---

🡻 2003/96/KE

4. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

(a) tassazzjoni tal-ħruġ tas-sħana u t-tassazzjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 4401 sa 4402;

(b) l-użu kif imniżżel hawn taħt ta' prodotti ta' enerġija u elettriku:

– prodotti ta' enerġija użati mhux bħala karburant tal-karozzi jew karburant biex isaħħan,

– użu doppju ta' prodotti ta' enerġija

Prodott ta' l-enerġija għandu użu doppju meta jiġi użat kemm bħala karburant li jsaħħan u kif ukoll għal skopijiet oħra barra minn ta' karburant tal-karozzi jew karburant li jsaħħan. L-użu ta' prodotti ta' enerġija għat-tnaqqis ta' kimiki u fi trattamenti elettrolitiki u metallurġiki għandhom jiġu kkonsidrati bħal użu doppju.

– elettriku meta huwa użat prinċipalment għat-tnaqqis ta' kimiki u fi trattamenti elettrolitiki u metallurġiki.

– elettriku, meta l-prezz ikun iktar minn 50 % ta' l-ispiża tal-prodott. "L-ispiża tal-prodott" għandha tfisser it-total ta' xiri ta' oġġetti u servizzi u żżid l-ispejjeż tal-ħaddiema kif ukoll il-konsum ta' kapital fiss, skond il-livell tan-negozju, kif definit fl-Artikolu 11. Din l-ispiża hija kkalkulata bħala medja għal kull unità. "L-ispiża ta' l-elettriku" għandha tfisser il-prezz attwali tax-xiri ta' l-elettriku jew l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-elettriku jekk huwa ġenerat fin-negozju,

– trattamneti mineraloġiki

~~“Trattamenti mineraloġiki” ifisser it-trattamneti klassifikati fin-nomenklatura NACE taħt kodiċi DI 26 “manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi” fir-Regolazzjoni tal-Kunsill (KEE) No 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 fuq l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea[41].~~

~~Madankollu, l-Artikolu 20 għandu japplika fuq dawn il-prodotti ta' enrġija.~~

~~5. Referenzi f'din id-Direttiva għall-kodiċi ta' nomenklatura magħquda għandhom ikunu għal dawk tar-Regulazzjoni tal-Kummissjoni (KE) No 2031/2001 tas-6 ta' Awwissu 2001, li jbiddel Annex I tar-Regulazzjoni tal-Kunsill (KEE) No 2658/87 fuq it-tariffa u nomenklatura ta' l-istatistika u fuq it-tariffa doganali komuni[42].~~

~~Għandha tittieħed deċiżjoni biex taġġorna darba kull sena il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda fuq prodotti msemmija f'din id-Direttiva skon dil-proċedura mniżżla fl-Artikolu 27. Id-deċizzjoni ma għandhiex tirriżulta f'tibdil fir-rati minimi tat-taxxa li japplikaw f'din id-Direttiva jew għaż-żieda jew tneħħija ta' prodotti ta' enerġija jew elettriku.~~

⇩ ġdid

4. Prodotti taxxabbli, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, prodotti jew derivati minn bijomassa huma soġġetti għal kontroll fiskali għal-livelli speċifiċi ta’ tassazzjoni stabbiliti għal dawk il-prodotti f’konformità ma’ din id-Direttiva, dment li jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin:

a) il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, esklużi prodotti b’riskju għoli ta’ tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Artikolu 26(2) ta’ dik id-Direttiva;

(b) ikunu prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2, il-punti (24), għal “bijomassa”, (28), għal “bijogass”, (32), għal “bijolikwidi”, (33), għal “bijofjuwils” u (34), għal “bijofjuwils avvanzati”, tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, bijogass, bijolikwidi u prodotti “avvanzati” li huma deskritti fil-kodiċijiet NM 4401 u 4402 għandhom ifissru prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti A tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Bijofjuwils, bijogass u bijolikwidi prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti B tal-Anness IX ta’ dik id-Direttiva għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-prodotti avvanzati.

5. Prodotti taxxabbli, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta’ “fjuwils rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika” jew “fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju”, jistgħu jkunu soġġetti għal kontroll fiskali għal-livelli speċifiċi ta’ tassazzjoni stabbiliti għal dawk il-prodotti f’konformità ma’ din id-Direttiva, fejn:

a) “fjuwils rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika” għandha tfisser fjuwils għajr bijofjuwils, bijolikwidi jew bijogass, li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn sorsi rinnovabbli għajr il-bijomassa;

(b) “fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju” għandha tfisser idroġenu b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku

41 ~~ĠU L 293, ta' l-24.10.1990, p. 1. Regolament kif l-aħħar amendat mir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) No 29/2002 (ĠU L 6, ta' l-10.1.2002, p. 3).~~

42 ~~ĠU L 279, tat-23.10.2001, p. 1.~~

tagħhom huwa derivat minn idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili, li jissodisfaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika speċifika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) […]/[…][44]. "Karburanti tal-Karbonju Riċiklat", kif definita bl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandha tiġi inkluża f'din il-kategorija.

6. Meta parti ta' prodott taxxabbli tikkonsisti fi prodott wieħed jew aktar imsemmija fil-paragrafi preċedenti, it-tassazzjoni ta' dawk il-partijiet għandha tiġi determinata kif xieraq abbażi ta' din id-Direttiva, indipendentement mill-kodiċi NM li taħtu jaqa' l-prodott kollu kemm hu.

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (d), (e), (g), (h) (k), (m),(n) u (o) ta' dan l-Artikolu, u tal-Artikolu 21(1), il-punti (a), (b), (h), (i), (l), (m) u (n), il-prodotti intenzjonati għall-provvista għandhom jitqiesu bħala intenzjonati għall-użu bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant meta l-fornitur jiġi mgħarraf, jew kellu raġonevolment ikun mgħarraf, li r-riċevitur għandu l-intenzjoni li juża l-prodotti bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant. Il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 21(1), il-punt (a) ma għandhomx jitqiesu li huma intenzjonati għall-użu bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant jekk jiġu fornuti lil produttur ta' merkanzija msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (n) ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 21(1), il-punt (n).

8. Ir-referenzi f'din id-Direttiva għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[45] kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577[46].

Meta r-Regolament imsemmi fl-ewwel subparagrafu jiġi ssostitwit jew meta emenda għan-Nomenklatura Magħquda tkun teħtieġ modifika tal-kodiċijiet imsemmija f'din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 sabiex taġġorna l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda tal-prodotti msemmija f'din id-Direttiva jew sabiex taġġorna r-referenza prevista fl-ewwel subparagrafu sabiex tallinjaha mal-verżjoni applikabbli tan-Nomenklatura Magħquda.

Dawk l-atti delegati ma għandhom jirriżultaw f'ebda bidla fir-rati minimi tat-taxxa stabbiliti f'din id-Direttiva jew fiż-żieda jew tneħħija ta' ebda prodott tal-enerġija jew l-elettriku.

---

43 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

44 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) […]/[...] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi determinat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final) (ĠU […], p.[…]).

45 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

46 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 tal-21 ta' Settembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 361, 30.10.2020, p. 1).

⬇ 2003/96/KE

~~*Artikolu 3*~~

~~Referenzi għad-Direttiva 92/12/KEE għal "żjut minerali" u "taxxa tas-Sisa", jekk kemm-il darba tapplika għal żjut minerali, għandha tiġi interpretata li tkopri il-prodotti ta' enerġija kollha, elettriku u taxxi indiretti nazzjonali li hemm riferenza għalihom rispettivament f'L-Artikoli 2 u 4(2) ta' din id-Direttiva.~~

⇩ ġdid

*Artikolu 3*

1. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal dan li ġej:

(a) tassazzjoni tal-output tas-sħana;

(b) l-użi li ġejjin tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku:

— prodotti tal-enerġija użati għal skopijiet oħra għajr bħala karburant jew bħala fjuwil għat-tisħin,

— użu doppju ta' prodotti tal-enerġija

Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,

— l-elettriku użat prinċipalment għall-finijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-elettriku jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum ikun konness mal-proċess,

2. L-Artikolu 21 għandu japplika għall-prodotti tal-enerġija użati kif previst fil-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu.

⬇ 2003/96/KE

*Artikolu 4*

1. Il-livelli ta' tassazzjoni li Stati Membri għandhom japplikaw fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku kif imniżżla fl-Artikolu 2 ma għandhomx ikunu inqas mill-livelli minimi ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva.

2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva "livell ta' tassazzjoni" huwa l-piż totali ntaxxat fir-rigward tat-taxxi indiretti kollha (ħlief il-VAT) ikkalkulat direttament jew indirettament fuq il-kwantità ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku meta dawn ikunu rilaxxati għall-konsum.

~~*Artikolu 5*~~

~~Jekk kemm-il darba dawn jirrispettaw il-livelli minimi ta' tasazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva u li huma kompatibbli mal-liġi tal-Kummunità, rati differenti ta' tassazzjoni jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri, taħt kontoll fiskali, fil-każijiet li ġejjin:~~

- ~~meta r-rati ivarjaw direttament mal-kwalità tal-prodott;~~
- ~~meta r-rati ivarjaw minħabba l-livelli ta' konsum kwantitattiv għall-elettriku u prodotti ta' enerġija użati sabiex isaħħnu;~~
- ~~għall-użu kif imsemmi hawn: trasport lokali pubbliku għall-passiġġieri (li jinkludi t-takxis), ġbir ta' skart, forzi armati u amministrazzjoni pubblika, persuni b'diżabilità, ambulanzi;~~
- ~~bejn użu għan-negozju u dak li mhuwiex, għall-prodotti ta' enerġija u elettriku li hemm riferenza għalihom f'L-Artikoli 9 u 10.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta livelli minimi ugwali ta’ tassazzjoni jiġu stipulati fl-Anness I fir-rigward ta’ użu speċifiku, livelli ugwali ta’ tassazzjoni huma stabbiliti għal prodotti li jintużaw għal dak l-użu. F’kull ħin l-Istati Membri għandhom jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta’ tassazzjoni kif stipulati fl-Anness I fir-rigward ta’ prodotti differenti għal kull użu partikolari.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, kull użu li għalih jiġi identifikat livell minimu ta’ tassazzjoni, rispettivament, fit-Tabelli A, B u C fl-Anness I għandu jitqies bħala użu uniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f’din id-Direttiva.

Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jitqies flimkien ma’ karburanti u fjuwils għat-tisħin oħra indikati fit-Tabelli B u C tal-Anness I, ħlief meta l-Istati Membri japplikaw livell speċifiku ta’ tassazzjoni tal-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, f’liema każ l-elettriku għandu jitqies flimkien mal-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f’din id-Direttiva.

Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, “vettura elettrika” għandha tfisser vettura elettrika kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (2) tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47].

2. Il-livelli minimi ta’ tassazzjoni stipulati f’din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull sena mill-1 ta’ Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f’euro bil-bidla perċentwali f’dak l-indiċi matul is-sena kalendarja preċedenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta’ tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

---

[47] Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 6*

Stati Membri għandhom ikunu liberi li jpoġġu fis-seħħ l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva, jew:

(a) direttament,

(b) ~~u~~ permezz ta' rata ~~li tvarja, ukoll~~ ⌦ differenzjata, ⌫

jew

(c) permezz ta' rifużjoni kollha jew parti tal-ammont ta' tassazzjoni.

*Artikolu 7*

~~1.~~ B'seħħ mill-1 ta' Jannar ~~2004 u mill-1 ta' Jannar 2010~~ ⇨ 2023 ⇦, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti ~~ta' karozzi~~ għandhom ikunu fissi kif muri ~~f'Annex I Table A~~ ⌦ fit-Tabella A tal-Anness I ⌫.

⇩ ġdid

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012, il-Kunsill, li jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta il-Parlament Ewropew, għandu, fuq il-bażi ta' rapport u proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi fuq il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq in-nafta għall-perjodu ieħor li jibda mill-1 ta' Jannar 2013.~~

~~2. Stati Membri għandhom jagħmlu differenza bejn użu kummerċjali u dak li mhuwiex tan-nafta użat bħala propellant, jekk kemm-il darba il-livelli minimi tal-Komunità ikunu osservati u r-rata għall-nafta kummerċjali użata bħala propellant ma tkunx inqas mill-livell ta' tassazzjoni nazzjonali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2003, minkejja xi derogi għal dan l-użu kif imniżżel f'din id-Direttiva.~~

~~3. "Nafta kummerċjali użata bħala propellant" għandha tfisser nafta użata bħala propellant għall-skopijiet kif imniżżla hawn taħt:~~

~~(a) il-ġarr ta' oġġetti għall-kiri jew għar-rigal, jew għall-persuna stess, permezz ta' karozzi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi artikulati intenzjonati esklussivament għall-ġarr ta' oġġetti bit-triq li l-piż massimu permissibli huwa ta' mhux inqas minn 7,5 tunnellati;~~

~~(b) il-ġarr ta' passiġġieri, kemm permezz ta' servizz regolari jew okkażjonali, permezz ta' vettura fil-kategorija M2 jew kategorija M3, kif definita fid-Direttiva tal-~~

~~Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 fuq l-aprossimazzjoni tal-liġijiet ta' Stati Membri li jsemmu it-tip approvat ta' karozzi u l-karrijiet tagħhom~~[48]~~.~~

~~4. Minkejja paragrafu 2, Stati Membri li jintroduċu sistema ta' piżijiet għall-karozzi fit-triq jew kombinazzjonijiet ta' vetturi artikulati intenzjonati esklussivament għall-ġarr ta' oġġetti bit-triq jistgħu japplikaw rata mnaqqsa fuq nafta użata minn dawn il-vetturi, li hija inqas mill-livell ta' tassazzjoni nazzjonali b'seħħ mill-1ta' Jannar 2003, jekk kemm-il darba il-piż tat-taxxa ġenerali tibqa' bejn wieħed u ieħor l-istess, ukoll il-livelli minimi tal-Komunità huma osservati u li l-livell ta' tassazzjoni nazzjonali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2003 fuq nafta użata bħala propellant hija minn ta' l-inqas id-doppju tal-livell ta' tassazzjoni minimu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004.~~

*Artikolu 8*

1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ~~2004~~ ⇨ 2023 ⇦, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ⌦ ta' dan l-Artikolu ⌫ għandhom jiġu ffissati hekk kif ~~imsemmija f'Annex I Tabella B~~ stabbilit ⌦ fit-Tabella B tal-Anness I ⌫.

---

⇩ ġdid

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

---

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

2. ~~Dan l-Artikolu~~ ⌦ Il-paragrafu 1 ⌫ għandu japplika għall-iskopijiet ~~industrijali u kummerċjali kif imsemmija hawn taħt~~ ⌦ li ġejjin ⌫ :

(a) xogħol agrikolu, ortikulturali jew ~~pixxikulturali~~ ⌦ akkwakulturali ⌫, u fil-foresti;

(b) magni stazzjonarji;

(c) impjant u makkinarju użati fil-kostruzzjoni, inġinerija ċivili u xogħlijiet pubbliċi;

(d) vetturi intenzjonati għall-użu mhux fuq triq pubblika jew li għadhom ma ngħatawx permess biex jintużaw l-iktar fi triq pubblika.

*Artikolu 9*

~~1.~~ B'seħħ mill-1 ta' Jannar ~~2004~~ ⇨ 2023 ⇦, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli ~~għall-karburanti~~ ⌦ għall-fjuwils għat-tisħin ⌫ ~~li jsaħħnu~~ għandhom jiġu ffissati ⌦ kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I ⌫ ~~skond Annex I Tabella C~~.

---

48 ~~ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.~~

⇩ ġdid

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~2. Stati Membri, li mill-1 ta' Jannar 2003 huma awtorizzati li japplikaw ħlas għall-kontroll ta' nafta li jsaħħan, jistgħu jkomplu japplikaw rata mnaqqsa ta' EUR 10 kull 1 000 litru ta' dak il-prodott. Din l-awtorizzazzjoni se tiġi mneħħija fl-1 ta' Jannar 2007 jekk il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq il-bażi ta' rapport u proposta mill-Kummissjoni, hekk jiddeċiedi, wara li jkun ħa nota li l-livell tar-rata mnaqqsa huwa baxx ħafna sabiex jiġu evitati problemi ta' tfixkil f'negozju bejn Stati Membri.~~

*Artikolu 10*

~~1.~~ B'seħħ mill-1 ta' Jannar ~~2004~~ ⇨ 2023 ⇦, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq elettriku għandhom jiġu ffissati ⌦ kif stabbilit fit-Tabella D tal-Anness I ⌫ ~~skond Annex I Tabella C~~.

~~2. 'Il fuq mill-livelli minimi ta' tassazzjoni li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1, Stati Membri ikollhom l-għażla li jiddeċiedu l-bażi tat-taxxa applikabbli jekk kemm-il darba huma jirrispettaw Direttiva 92/12/KEE.~~

~~*Artikolu 11*~~

~~1. F'din id-Direttiva, "użu għal negozju" għandu jfisser l-użu minn entità kummerċjali, kif identifikat skond paragrafu 2, li indipendentament twettaq, f'kull post, il-provvista ta' oġġetti u servizzi, ikun xi jkun l-iskop jew ir-riżultati ta' dan it-tip ta' attivitajiet ekonomiċi.~~

~~L-attivitajiet ekonomiċi ikopru l-attivitajiet kollha ta' produtturi, negozjanti u persuni li jfornu servizzi li jinkludu xogħol fil-minjieri u attività agrikulturali u attività professjonali.~~

~~Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u istituzzjonijiet oħra immexxija mill-liġi pubblika ma għandhomx jiġu kkonsidrati bħala entitajiet kummerċjali fil-każ ta' attivitajiet u operazzjonijiet li huma jieħdu ħsieb bħala awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, meta huma ikunu okkupati f'dawn l-attivitajiet u operazzjonijiet, huma għandhom jiġu kkonsidrati bħala negozju fil-każ ta' dawn l-attivitajiet jew operazzjonijiet u li f'każ li ma jkunux ikkonsidrati bħala negozju dan jista' jwassal għal tfixkil sostanzjali fil-kompetizzjoni.~~

~~2. Dwar din id-Direttiva, l-entità kummerċjali ma tistax tiġi kkonsidrata bħala iżgħar minn parti ta' intrapriża jew qafas legali li jekk tħares lejha minn lenti ta' organizzazzjoni tifforma negozju indipendenti li jfisser entità li tista' tiffunzjona bil-mezzi tagħha.~~

~~3. Fejn isir użu mħallat, it-tassazzjoni għandha tapplika skond kull tip ta' użu proporzjonalment, għalkemm fejn kemm l-użu għal kummerċ u dak li mhuwiex ikun bla valur, dan jista' jiġi trattat bħala nil.~~

~~4. Stati Membri jistgħu jillimitaw l-iskop ta' livell ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-użu ta' negozju.~~

*Artikolu ~~12~~11*

1. Stati Membri jistgħu jesprimu l-livelli nazzjonali tagħhom ta’ tassazzjoni f’unitajiet barra minn ~~dawk speċifikati~~ ⌦ dak speċifikat ⌫ fl-Artikoli 7 sa 10 jekk kemm-il darba l-livelli korrispondenti ta’ tassazzjoni, wara li jinqalbu f’ ⌦ dawk l- ⌫ unitajiet, ma jkunux inqas mil-livelli minimi kif speċifikati f’din id-Direttiva.

2. ~~Għall-prodotti ta' enerġija speċifikati f'L-Artikoli 7, 8 u 9, b'livelli ta' tassazzjoni ibbażati fuq volumi,~~ ⇨Meta jiġu applikati l-unitajiet tal-volum,⇦ il-volum għandu jiġi mkejjel b’temperatura ta’ 15 C.

*Artikolu ~~13~~12*

1. Għall-Istati Membri li ma adottawx l-euro, il-valur tal-euro f’muniti nazzjonali li għandu jiġi applikat mal-valur tal-livelli ta’ tassazzjoni għandu jiġi ffissat darba kull sena. Ir-rati li jridu jiġu applikati għandhom ikunu dawk miġjuba fl-ewwel ġurnata ta’ xogħol f’Ottubru u ppubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jiġu fis-seħħ mill-1 ta’ Jannar tas-sena kalendarja li jkun imiss.

2. Stati Membri jistgħu jżommu l-ammonti ta’ tassazzjoni fis-seħħ sa dak iż-żmien li fih isir l-aġġustament annwali kif imsemmi fil-paragrafu 1 jekk il-konverżjoni tal-ammonti tal-livell ta’ tassazzjoni espressi fil-munita euro jirriżulta f’żieda ta’ inqas minn 5 % jew EUR 5, liema jkun l-inqas ammont, fil-livell ta’ tassazzjoni espressa fil-munita nazzjonali.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 13*

1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-tassazzjoni taħt kontroll fiskali l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati biex jipproduċu l-elettriku u l-elettriku użat biex iżomm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-elettriku.

2. B’deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta’ politika ambjentali, jissoġġettaw il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għat-tassazzjoni mingħajr ma jkollhom jirrispettaw il-livelli minimi ta’ tassazzjoni stipulati f’din id-Direttiva. F’dak il-każ, it-tassazzjoni ta’ dawk il-prodotti għandha tirreplika l-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta’ tassazzjoni kif stipulat fl-Anness I u ma għandhiex titqies għall-finijiet li jiġi ssodisfat il-livell minimu ta’ tassazzjoni fuq l-elettriku stipulat fl-Artikolu 10.

---

🡻 2003/96/KE

~~*Artikolu 14*~~

~~1. Barra d-disposizzjonijiet ġenerali kif imniżżla f’Direttiva 92/12/KEE fuq użijiet eżenti ta' prodotti taxxabli, u mingħajr preġudizzju għall-disposizzjonijiet oħra tal-Komunità, Stati Membri għandhom jeżentaw dan li ġej mit-tassazzjoni b'kondizzjonijiet li huma għandhom jagħmlu biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta u sempliċi ta' dawn l-eżenzjonijiet u biex jimpedixxu l-evażjoni, ħrib mit-taxxa jew abbuż:~~

~~(a) prodotti ta' enerġija u elettriku użati biex jipproduċu elettriku u elettriku użat biex iżomm il-produzzjoni ta' l-elettriku. "Madankollu, Stati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika dwar l-ambjent, jissotomettu dawn il-prodotti għall-tassazzjoni mingħajr ma joqgħodu jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imniżżla f'din id-Direttiva. F'każ bħal dan, it-tassazzjoni ta'dawn il-prodotti ma għandhiex tiġi ikkonsidrata sabiex tissodisfa il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku kif imniżżel fl-Artikolu 10;~~

~~(b) prodotti ta' enerġija forniti biex jintużaw bħala karburant għall-iskop ta' navigazzjoni bl-ajru barra minn safar b'mod privat u għall-divertiment.~~

~~Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva "safar privat u għall-divertiment" għandu jfisser l-użu ta' ajruplan minn sidu jew il-persuna naturali jew ġuridika li jgawdi mill-użu tiegħu permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għall-skopijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux x'jaqsam ma ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti jew fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-iskopijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.~~

~~Stati Membri jistgħu jillimitaw l-iskop ta' din l-eżenzjoni għall-provvisti ta' karburant tal-jet (Kodiċi NM 27101921);~~

~~(ċ) prodotti ta' enerġija forniti għall-użu ta' karburant għall-iskopijiet ta' navigazzjoni fl-ibħra ġewwa l-Komunità (tinkludi s-sajd), barra minn dgħajjes għall-użu privat jew għall-divertiment, u elettriku magħmul abbord xi dgħajsa.~~

~~Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva "dgħajsa għall-użu privat jew għall-divertiment" għandha tfisser kull dgħajsa użata mis-sid tagħha jew il-persuna naturali jew ġuridika li tgawdi mill-użu tagħha permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għall-skopijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux jaqsam ma' ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti jew fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-iskopijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.~~

~~2. Stati Membri jistgħu jillimitaw l-iskop ta' l-eżenzjonijiet kif provvduti fil-paragrafu 1(b) u (c) għall-trasport internazzjonali u ġewwa l-Komunità. Barra dan, fejn Stat Membru ikun daħal fi ftehim bilaterali ma' Stat Membru ieħor, dan jista' jirrinunzja l-eżenzjonijiet provvduti fil-paragrafu 1(b) u (c). F'dawn il-każijiet, Stati membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni inqas mill-livell minimu provvdut f'din id-Direttiva.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 14*

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet għajr titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment, l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' dawk it-titjiriet.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I.

Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero

għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE" għandha tfisser titjiriet bejn żewġ ajruporti li jinsabu fl-Unjoni, inklużi titjiriet domestiċi.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji jew individwi għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti;

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "titjiriet ta' divertiment" għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru għal finijiet personali jew rikreazzjonali mhux assoċjati ma' użu għal skopijiet ta' negozju jew professjonali.

2. Il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru u l-elettriku użati direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss, għandhom ikunu eżentati.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, esklużi titjiriet li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE skont it-tip ta' titjira.

4. Il-karburanti użati fil-qasam tal-manifattura, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru għandhom ikunu soġġetti għal-livell ta' tassazzjoni previst fil-paragrafu 1.

5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, "provvista tal-elettriku għal inġenju tal-ajru stazzjonarju" għandha tfisser il-provvista tal-elettriku permezz ta' interfaċċa fissa jew mobbli għall-inġenju tal-ajru meta jkun stazzjonat mal-gate jew f'pożizzjoni esterna fir-rampa tal-ajruport.

*Artikolu 15*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I.

Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" għandha tfisser navigazzjoni bejn żewġ portijiet li jinsabu fl-Unjoni, inkluża navigazzjoni domestika.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "servizz regolari" tfisser serje ta' qsim b'vapuri ro-ro tal-passiġġieri jew inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri mħaddma biex jaqdu t-traffiku bejn l-istess żewġ portijiet jew aktar, jew serje ta' vjaġġi minn u lejn l-istess port mingħajr waqfiet intermedjarji: skont skeda ppubblikata jew bi qsim tant regolari jew frekwenti li jikkostitwixxi serje sistematika rikonoxxibbli.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasport tal-merkanzija" għandha tfisser servizz skedat jew mhux skedat li jitwettaq minn bastiment li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, esklużi vjaġġi li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u vjaġġi elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.

2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.

3. L-Istati Membri għandhom jissoġġettaw karburanti u elettriku użati fil-qasam tal-manifattura, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-manutenzjoni ta' bastimenti, u karburanti u elettriku użati għal operazzjonijiet ta' tħammil f'passaġġi navigabbli fuq l-ilma u fil-portijiet għat-tassazzjoni stipulata fl-ewwel paragrafu.

4. L-elettriku prodott abbord bastiment għandu jkun eżentat mit-tassazzjoni.

5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet.

---

| |
|---|
| ↓ 2003/96/KE (adattat) |
| ⇨ ġdid |

*Artikolu ~~15~~16*

~~1.~~ Mingħajr preġudizzju ~~għall-provissjonijiet oħra tal-Komunità~~ ⌦ għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni ⌫, Stati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet jew tnaqqis ~~kollu jew parti minnu~~ fil-livell ta' tassazzjoni għal:

(a) prodotti taxxabli użati taħt kontroll fiskali fil-qasam ta' proġetti pilota għall-iżvilupp teknoloġiku ta' iktar prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent jew dawk ~~li għandhom "jaqsmu ma"~~ ⌦ relatati ma' fjuwils ⌫ ~~karburanti~~ minn riżorsi rinnovabbli;

(b) elettriku:

– ~~ta' oriġini solari, riħ, mewġa, marea~~ ⌦ li joriġina mix-xemx, mir-riħ, mill-mewġ, mill-marea ⌫ jew ġeotermali;

– ta' oriġini idrawlika magħmul f'installazzjonijiet idroelettriċi;

– iġġenerat minn bijomassa ⇨ sostenibbli ⇦ jew minn prodotti magħmula minn bijomassa ⇨ sostenibbli ⇦;

– iġġenerat ~~mill-metanju li ħareġ~~ ⌦ mill-metan li joħroġ ⌫ minn minjieri tal-faħam abbandunati;

– iġġenerat minn ċelloli ~~tal-karburant~~ ⌦ tal-fjuwil ⌫ ;

---

⇩ ġdid

L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu rifużjoni lill-produttur ta' parti mill-ammont, jew l-ammont kollu, tat-taxxa mħallsa mill-konsumatur fuq elettriku prodott minn prodotti speċifikati f'dan il-paragrafu.

---

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~(ċ) prodotti ta' enerġija u elettriku użati għall-ġenerazzjoni ta' sħana u kapaċità kkombinati;~~

(~~d~~c) elettriku magħmul minn ġenerazzjoni ⌦ kkombinata ⌫ tas-sħana u ~~kapaċità kkombinati~~ ⌦ tal-elettriku ⌫ , jekk kemm-il darba ⇨ l-koġenerazzjoni ⇦ mill-ġeneraturi kkombinati ~~ma jagħmlux ħsara lil ambjent.~~ ⇨ tkun koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (34), tad-Direttiva 2012/27/UE ⇦ ~~Stati Membri jistgħu japplikaw definizzjonijiet nazzjonali ta' "ma jagħmlux ħsara lil ambjent" (jew effiċjenza għolja) koġenerazzjoni tal-produzzjoni sa ma l-Kunsill, fuq il-bażi ta' rapport u proposta mill-Kummissjoni, unanimament jadotta definizzjoni komuni~~;

---

⇩ ġdid

(d) fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, bijofjuwils, bijolikwidi, bijogass sostenibbli avvanzati u prodotti sostenibbli avvanzati li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4401 u 4402;

(e) prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċi NM 2705 użati għal finijiet ta' tisħin.

---

🡻 2003/96/KE

~~(e) prodotti ta' enerġija u elettriku użati għall-ġarr ta' oġġetti u passiġġiera bil-ferrovija, metro, tramm u karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku;~~

~~(f) prodotti ta' enerġija forniti għall-użu bħala karburant għall-navigazzjoni f'baħar ġewwa l-pajjiż (tinkludi s-sajd) barra minn dgħajsa għall-użu privat jew għall-divertiment u elettriku magħmul abbord xi dgħajsa;~~

~~(g) Gass naturali fi Stati Membri fejn is-sehem ta'gass naturali fil-konsum finali ta' enerġija kien inqas minn 15 % fl-2000;~~

~~L-eżenzjonijiet totali jew parzjali jistgħu japplikaw għall-perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jew sakemm is-sehem nazzjonali ta' gass naturali fil-konsum finali ta' enerġija jilħaq il-25 %, liema wieħed jiġi qabel. Madankollu, hekk kif is-sehem nazzjonali ta' gass naturali fil-konsum finali ta' enerġija jilħaq l-20 %, l-Istati Membri konċernati għandhom japplikaw b'mod strett~~

livell ta' tassazzjoni pożittiva, li għandha tiżdied kull sena biex b'hekk tintlaħaq għall-inqas ir-rata sa l-aħħar tal-perjodu msemmi iktar 'il fuq.

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet totali jew parzjali jew tnaqqis għall-gass naturali seperatament għall-Irlanda ta' Fuq;

(h) l-elettriku, gass naturali, faħam u karburanti solidi użati għad-djar u/jew minn organizzazzjonijiet rikonnuxuti bħala karitatevoli mill-Istati Membri konċernati. Fil-każ ta' organizzazzjonijiet karitatevoli, Stati Membri jistgħu jillimitaw l-eżenzjoni jew tnaqqis għall-użu għall-iskop ta' attivitajiet mhux kummerċjali. Fejn isir użu doppju, it-tassazzjoni għandha tiġi applikata f'proporzjon ma' kull tip ta' użu. Jekk xi użu huwa bla valur, jista' jiġi trattat bħala nil;

(i) gass naturali u LPG użati bħala propellant;

(j) karburanti tal-karozzi użati fil-qasam tal-manifattura, żvilupp, ittestjar u manteniment ta' ajruplani u bastimenti;

(k) karburanti tal-karozzi użati għall-tħammil tal-ħama f'kanali navigabbli jew fil-portijiet;

(l) prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 2705 użati sabiex isaħħnu.

2. Stati Membri jistgħu ukoll jagħmlu rifużjoni lil produttur ftit jew l-ammont kollu tat-taxxa mħallsa mill-konsumatur fuq elettriku magħmula minn prodotti speċifikati fil-paragrafu 1(b).

3. Stati Membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni b'rata sa zero fuq prodotti ta' enerġija u elettriku użati f'xogħol agrikolu, ta' l-ortikultura jew pixxikultura u tal-forestrija.

Fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu, qabel l-1 ta' Jannar 2008 jeżamina jekk il-possibilità li tiġi applikata livell ta' tassazzjoni sa zero tiġix mneħħija.

*Artikolu 16*

1. Stati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, japplikaw xi eżenzjoni jew rata mnaqqsa ta' tassazzjoni taħt kontroll fiskali fuq prodotti taxxabli li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 2 fejn dawn il-prodotti ikunu magħmula minn, jew ikollhom, wieħed jew iktar minn dawn il-prodotti li ġejjin:

– prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 1507 sa 1518;

– prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 38249955 u 38249980, 38249985, 38249986, 38249992 (esklużi l-preparazzjonijiet kontra s-sadid li fihom l-amini bħala kostitwenti attivi u s-solventi u t-tinners inorganiċi komposti għall-verniċ u prodotti simili), 38249993, 38249996 (esklużi l-preparazzjonijiet kontra s-sadid li fihom l-amini bħala kostitwenti attivi u s-solventi u t-tinners inorganiċi komposti għall-verniċ u prodotti simili) 38260010 u 38260090 għall-komponenti tagħhom prodotti mill-bijomass;

– prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 22072000 u 29051100 li mhumiex ta' oriġini sintetika;

– prodotti magħmula minn bijomass, li jinkludu prodotti li jaqgħu taħt Kodiċi NM 4401 u 4402.

Stati Membri jistgħu ukoll japplikaw taxxa mnaqqsa ta' tassazzjoni taħt kontroll fiskali fuq il-prodotti taxxabli li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 2 fejn dawn il-prodotti għandhom kontenut ta' ilma (Kodiċi NM 2201 u 28539010).

~~“Bijomass” għandha tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta’ prodotti, skart u fdalijiet ta’ l-agrikoltura (u tinkludi sustanzi veġetali u ta’ l-annimali), forestrija u industriji relatati, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli tal’ skart industrijali u muniċipali.~~

~~2. L-eżenzjoni jew tnaqqis fit-tassazzjoni li jirriżulta wara l-applikazzjoni tar-rata mnaqqsa kif imniżżla fil-paragrafu 1 ma tistax tkun ikbar mill-ammont ta' tassazzjoni pagabbli fuq il-volum ta' prodotti riferuti fil-paragrafu 1 u li huwa preżenti fil-prodotti eliġibbli għal dan it-tnaqqis.~~

~~Il-livelli ta' tassazzjoni li jiġu applikati mill-Istati Membri fuq il-prodotti magħmula minn jew li għandhom kontenut ta' prodotti riferuti fil-paragrafu 1 jistgħu ikunu inqas mill-livelli minimi speċifikati fl-Artikolu 4.~~

~~3. L-eżenzjoni jew tnaqqis fit-tassazzjoni applikati minn Stati Membri għandhom jiġu aġġustati wara li tieħu in konsiderazzjoni it-tibdil fil-prezzijiet ta' materja prima u b'hekk tevita ikkumpensar iktar milli suppost ta' spejjeż oħra li jsiru minħabba manifattura ta' prodotti riferuti fil-paragrafu 1.~~

~~4. Sal-31 ta' Diċembru 2003, Stati Membri jistgħu jeżentaw jew ikomplu jeżentaw prodotti unikament jew kważi unikament magħmula minn prodotti riferuti fil-paragrafu 1.~~

~~5. L-eżenzjoni jew tnaqqis provvduti għall-prodotti riferuti fil-paragrafu 1 jistgħu jingħataw taħt program multiannwali permezz ta' awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità amministrattiva lil xi operatur ekonomiku għal iktar minn sena kalendarja. L-eżenzjoni jew tnaqqis awtorizzati ma jistgħux jiġu applikati għall-perjodu ta' iktar minn sitt snin wara xulxin. Dan il-perjodu jista' jiġi mġedded.~~

~~Bħala parti minn program multiannwali awtorizzat minn xi awtorità amministrattiva qabel il-31 ta' Diċembru 2012, Stati Membri jistgħu japplikaw l-eżenzjoni jew tnaqqis taħt paragrafu 1 wara il-31 ta' Diċembru 2012 u sa l-aħħar tal-programm multiannwali. Dan il-perjodu ma jistax jiġi mġedded.~~

~~6. Jekk Stati Membri ikunu meħtieġa, permezz ta' liġi Komunitarja, iħarsu obligazzjonijiet legalment vinkolanti, biex ipoġġu fis-swieq tagħhom proporzjon minimu ta' prodotti riferuti fil-paragrafu 1, paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx jibqgħu japplikaw mid-data meta dawn l-obligazzjonijiet isiru vinkolanti fuq l-Istati Membri.~~

~~7. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lil Kummissjoni l-iskeda ta' tnaqqis ta' taxxa jew eżenzjonijiet applikati skont dan l-Artikolu sal-31 ta' Diċembru 2004 u kull tnax–il xahar wara.~~

~~8. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Kunsill fuq l-aspetti fiskali, ekonomiċi, agrikulturali, enerġetiċi, industrijali u ambjentali fuq it-tnaqqis mogħtija skond dan l-Artikolu.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 17*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, kif applikabbli għal użi uniċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali:

(a) tnaqqis fil-livell ta’ tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella C u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-elettriku, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13;

(b) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella B u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-ferrovija, bil-metro, bit-tramm u bil-karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku, u għat-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri, il-ġbir tal-iskart, il-forzi armati u l-amministrazzjoni pubblika, il-persuni b'diżabilità u l-ambulanzi;

Għall-finijiet tal-punt (b), l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella B tal-Anness I;

(c) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella C u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija użati bħala fjuwil għat-tisħin u l-elettriku jekk jintużaw mill-unitajiet domestiċi u/jew mill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti bħala karitatevoli mill-Istat Membru kkonċernat. Fil-każ ta' dawn l-organizzazzjonijiet karitatevoli, l-Istati Membri għandhom jirrestrinġu t-tnaqqis għall-użu għall-fini ta' attivitajiet mhux kummerċjali. Fejn isir użu mħallat, it-tassazzjoni għandha tapplika fi proporzjon ma' kull tip ta' użu. Jekk użu jkun insinifikanti, dan jista' jiġi trattat bħala żero.

Għall-finijiet tal-punt (c), il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli C u D tal-Anness I għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali f'kull sena.

Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli jistgħu jiġu eżentati għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "unitajiet domestiċi vulnerabbli" għandha tfisser unitajiet domestiċi affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti ta' din id-Direttiva li, għall-fini ta' din id-Direttiva, ifisser li huma taħt il-limitu ta' "riskju ta' faqar", definit bħala 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali.

(d) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella C u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija użati bħala fjuwil għat-tisħin u għall-elettriku, użati għal xogħlijiet agrikoli, ortikulturali jew akkwakulturali, u fil-forestrija.

---

| |
|---|
| 🡻 2003/96/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |

*Artikolu ~~17~~18*

~~1.~~ ~~Jekk kemm-il darba il-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva ikunu rispettati fuq livell ġenerali għal kull negozju,~~ ⇨ Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, kif applikabbli bħala użu uniku,⇦ l-Istati Membri jistgħu japplikaw tnaqqis fit-taxxa ⇨ , li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi rilevanti kif stabbiliti fit-Tabelli B, C u D tal-Anness I, ⇦ fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija użati sabiex isaħħnu jew għall-iskopijiet skont l-Artikolu 8(2)⌦ , il-punti ⌫ (b) u (c) u fuq l-elettriku fil-każijiet li ġejjin:

(a) favur ~~negozju konċentrat fl-enerġija~~ ⌦ impriżi b'konsum enerġetiku għoli ⌫

~~"negozju konċentrat fl-enerġija" għandu jfisser~~ ⌦ "Impriża b'konsum enerġetiku għoli" għandha tfisser ⌫ entità kummerċjali, kif ~~riferita~~ ⌦ imsemmi ⌫ fl-Artikolu 19, fejn jew ix-xiri ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku jammontaw għal mill-inqas 3,0 % tal-valur tal-produzzjoni jew it-taxxa nazzjonali pagabbli fuq l-enerġija tammonta għal mill-inqas 0,5 % tal-valur miżjud. ~~F'din id-definizzjoni, Stati~~

~~membri jistgħu japplikaw kunċetti iktar ristretti, li jinkludi il-valur tal-bejgħ, definizzjonijiet proċessorjali u settorjali.~~

"Xiri ta' ~~oġġetti~~ ⌦ prodotti ⌫ tal-enerġija u l-elettriku" għandha tfisser l-ispiża attwali ⌦ ta' ⌫ enerġija mixtrija jew iġġenerata fin-negozju. Prodotti tal-elettriku, sħana u enerġija biss u li jintużaw sabiex isaħħnu jew skont l-iskopijiet tal-Artikolu 8(2)(b) u (c) huma inklużi. It-taxxi kollha huma inklużi, ħlief il-VAT ~~li trid titnaqqas~~ ⌦ deduċibbli ⌫ .

"Valur tal-produzzjoni" għandha tfisser ~~bejgħ~~ ⌦ fatturat ⌫ , u tinkludi sussidji direttament marbutin mal-prezz tal-prodott, ~~iżżid u tnaqqas it-tibdil fl-istokks ta' oġġetti lesti, xogħol mhux lest~~ ⌦ bit-tibdil fl-istokks tal-prodotti finali, ix-xogħol fl-idejn ⌫ u oġġetti u servizzi mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu ⌦ jew mingħajrhom ⌫ , ~~naqqas~~ ⌦ mingħajr ⌫ ix-xiri ta' oġġetti li se jerġgħu jinbiegħu.

"Valur miżjud" ~~għandu jfisser il-bejgħ~~ ⌦ għandha tfisser il-fatturat ⌫ totali li fuqu tapplika l-VAT li jinkludi bejgħ permezz ta' esportazzjoni ~~u tnaqqas~~ ⌦ mingħajr ⌫ ix-xiri totali li fuqu tapplika l-VAT inkluż ~~dawk l-oġġetti importati~~ ⌦ l-importazzjonijiet ⌫ .

---

🡻 2003/96/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~Stati Membri, li bħalissa japplikaw sistemi ta' taxxa nazzjonali dwar l-enerġija u fejn negozji li huma konċentrati fuq l-enerġija huma definiti skont kriterji barra minn spejjeż ta' enerġija meta tqabbel mal-valur tal-produzzjoni u taxxa nazzjonali pagabbli fuq l-enerġija mqabbla mal-valur miżjud, għandhom jingħataw perjodu ta' transizzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007 biex jadottaw għad-definizzjoni kif imniżżla f'punt (a) l-ewwel subparagrafu;~~

(b) fejn ikun hemm ftehim milħuq ~~bl-impriżi~~ ⇨ ma' entitajiet kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 19 ⇦ jew assoċjazzjonijiet ta' ~~impriżi~~ ⇨ dawn l-entitajiet kummerċjali ⇦, jew fejn skemi ta' ~~permessi negozzjabbli~~ ⌦ kwoti ta' emissjonijiet ⌫ jew ~~arranġamenti~~ ⇨ miżuri ⇦ ekwivalenti jkunu implimentati, jekk kemm-il darba jwasslu biex jintlaħqu l-objettivi dwar protezzjoni ambjentali jew titjib fl-effiċjenza tal-enerġija.

---

⇩ ġdid

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, "skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet" għandha tfisser skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet għajr l-iskema tal-Unjoni fis-sens tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49].

---

🡻 2003/96/KE

~~2. Minkejja l-Artikolu 4(1), Stati Membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni sa zero fuq prodotti ta' enerġija u elettriku kif definit fl-Artikolu 2, meta jkunu użati għall-negozji konċentrati fuq enerġija kif definit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.~~

---

[49] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

3. Minkejja l-Artikolu 4(1), Stati Membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni sa 50 % tal-livelli minimi f'din id-Direttiva għall-prodotti ta' enerġija u elettriku kif definit fl-Artikolu 2, meta użati minn entitajiet kummerċjali kif definit fl-Artikolu 11, li mhumiex konċentrati fuq enerġija kif definit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Negozji li jgawdu mill-possibilitajiet li hemm rifernza għalihom f'paragrafi 2 u 3 għandhom jidħlu fi ftehim, skemi ta' permessi negozjabbli jew arranġamenti ekwivalenti kif hemm riferut fil-paragrafu 1(b). Il-ftehim, skemi ta' permessi negozjabbli jew arranġamenti ekwivalenti għandhom iwasslu biex jintlaħqu għanijiet ambjentali jew effiċjenza ikbar fl-enerġija, ġeneralment ekwivalenti għal dak li seta' nkiseb li kieku r-rati minimi standard tal-Komunità kienu osservati.

*Artikolu 18*

1. Bħala deroga mid-disposizzjonijit tad-Direttiva preżenti, l-Istati Membri speċifikati fl-Anness II huma awtorizzati li jissoktaw japplikaw ir-riduzzjonijiet fil-livelli tat-tassazzjoni jew l-eżezjonijiet iddikjarati f'dan l-Anness.

Suġġetta għall-reviżjoni minn qabel mill-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, din l-awtorizzazzjoni għandha tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2006 jew fid-data speċifikata f'Annex II.

2. Minkejja il-perjodi fil-paragrafi minn 3 sa 13 u jekk kemm-il darba dan ma jfixkilx b'mod sostanzjali il-kompetizzjoni, Stati membri b'diffikultajiet biex jimplimentaw il-livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni jingħataw perjodu ta' transizzjoni sa l-1 ta' Jannar 2007, partikolarment sabiex jiġi evitat tfixkil fl-istabbilità tal-prezzijiet.

3. Ir-Renju ta' Spanja jista' japplika perjodu transitorju sa 1 ta' Jannar 2007 biex jaġġusta il-livell nazzjonali tiegħu ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 u sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 287 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa. Ir-rata speċjali mnaqqsa fuq l-użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant tista' tiġi applikata ukoll għall-takxis sa l-1 ta' Jannar 2012. Dwar l-Artikolu 7(3)(a), jista' japplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' mhux inqas minn 3,5 tunnellati fid-definizzjoni ta' għanijiet kummerċjali.

4. Ir-Repubblika tal-Awstrija tista' tapplika perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2007 biex taġġusta il-livell nazzjonali tagħha ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 u sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 287 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa.

5. Ir-Renju tal-Belġju jista’ japplika perjodu transitorju sa 1 ta’ Jannar 2007 biex jaġġusta il-livell nazzjonali tiegħu ta’ tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell

minimu ġdid ta’ EUR 302 u sa l-1 ta’ Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 287 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa.

6. Il-Gran Duka tal-Lussemburgu jista' japplika perjodu transitorju sa 1 ta' Jannar 2009 biex jaġġusta il-livell nazzjonali tiegħu ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 us sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 272 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa.

7. Ir-Repubblika tal-Portugal tista' tapplika livelli ta' tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku kkonsmati fir-Reġjuni Awtonomi ta' l-Azores u l-Madeira inqas mill-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imniżżel f'din id-Direttiva biex b'hekk tikkumpensa għall-ispejjeż ta' trasport magħmula bħala riżultat tan-natura insulari u dispersa ta' dawn ir-reġjuni.

Ir-Repubblika tal-Portugal tista' tapplika perjodu transitorju sa 1 ta' Jannar 2009 biex taġġusta il-livell nazzjonali tiegħu ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 u sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista' tiġi applikata ukoll rata differenti fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 272 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa. Ir-rata differenzali fuq l-użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant tista' tiġi applikata ukoll għall-takxis sa l-1 ta' Jannar 2012. Dwar l-Artikolu 7(3)(a), jista' japplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' mhux inqas minn 3,5 tunnellati fid-definizzjoni ta' għanijiet kummerċjali.

Ir-Repubblika tal-Portugal tista' tapplika eżenzjonijiet totali jew parzjali fil-livell ta' tassazzjoni ta' l-elettriku sa l-1 ta' Jannar 2010.

8. Ir-Repubblika Ellenika tista' tapplika livelli ta' tassazzjoni sa EUR 22 kull 1000 l inqas mir-rati minimi mniżżla f'din id-Direttiva fuq nafta użata bħala propellant u fuq il-petrol kkonsmat fid-dipartimenti ta' Lesbos, Chios, Samos, id-Dodecanese u Cyclades u fuq dawn il-gżejjer fl-Eġew kif ġej: Thasos, Sporades ta’ Fuq, Samothrace u Skiros.

Ir-Repubblika Ellenika tista' tapplika perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2010 biex jaqleb is-sistema kurrenti ta' tassazzjoni tad-dħul ta' l-elettriku f'sistema ta' tassazzjoni tal-ħruġ u biex jintlaħaq il-livell minimu ġdid ta' tassazzjoni fuq il-petrol.

Ir-Repubblika Ellenika tista' tapplika perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2010 biex taġġusta il-livell nazzjonali tagħha ta' tassazzjoni fuq nafta użata bħala propellant għall-livell minimu ġdid ta' EUR 302 sa l-1 ta' Jannar 2012 biex jilħaq EUR 330. Sal-31 ta' Diċembru 2009, tista'

tiġi applikata ukoll rata differenzata fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 264 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003 ma jiġux imnaqqsa. Mill-1 ta' Jannar 2010 sa l-1 ta' Jannar 2012, tista' tiġi applikata ukoll rata imnaqqsa speċjali fuq użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant, jekk kemm-il darba dan ma jirriżultax f'tassazzjoni inqas minn EUR 302 kull 1000 l u li il-livelli nazzjonali ta' tassazzjoni li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 ma jiġux imnaqqsa. Ir-rata differenzali fuq l-użu kummerċjali tan-nafta użata bħala propellant tista' tiġi applikata ukoll għall-takxis sa l-1 ta' Jannar 2012. Dwar l-Artikolu 7(3)(a), jista' japplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' mhux inqas minn 3,5 tunnellati fid-definizzjoni ta' għanijiet kummerċjali.

9. L-Irlanda tista' tapplika eżenzjonijiet u tnaqqis totali jew parzjali fil-livell ta' tassazzjoni sa l-1 ta' Jannar 2008.

10. Ir-Repubblika Franċiża tista' tapplika eżenzjonijiet u tnaqqis totali jew parzjali għall-prodotti ta' enerġija u elettriku użati mill-Istat, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali jew istituzzjonijiet oħra immexxija mill-liġi pubblika, dwar l-attivitajiet jew operazzjonijiet fejn huma jiġu mqabbda bħala awtoritajiet pubbliċi sa l-1ta' Jannar 2009.

Ir-Repubblika Franċiża tista' tapplika għall-perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2009 biex tadatta is-sistema preżenti tagħha fuq l-elettriku għad-disposizzjonijiet mniżżla f'din id-Direttiva. Waqt dan il-perjodu, il-livell ta' medja globali tat-tassazzjoni lokali u preżenti fuq l-elettriku għandha tiġi kkonsidrata biex tara jekk ir-rati minimi mniżżla f'din id-Direttiva humiex rispettati.

11. Ir-Repubblika Taljana tista' tapplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' mhux inqas minn 3,5 tunnellati fid-definizzjoni t'għanijiet kummerċjali mogħtija fl-Artikolu 7(3)(a).

12. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tista' tapplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta' 12-il tunnellata fid-definizzjoni ta' għanijiet kummerċjali mogħtija fl-Artikolu 7(3)(a).

13. Ir-Renju ta' l-Olanda jista' japplika, sa l-1 ta' Jannar 2008, tagħbija massima permissibli ta'12-il tunnellata fid-definizzjoni t' għanijiet kummerċjali mogħtija fl-Artikolu 7(3)(a).

14. Fil-perjodi transitorji stabbiliti, Stati Membri għandhom bil-mod inaqqsu d-differenzi rispettivi tagħhom dwar il-livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni. Madankollu, meta d-differenza bejn il-livell nazzjonali u l-livell minimu ma jeċċedix it-3 % ta' dak il-livell minimu, L-Istat Membru konċernat għandu jistenna sa l-aħħar tal-perjodu biex jaġġusta il-livell nazzjonali.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 19*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 18, “entità kummerċjali” għandha tfisser entità, identifikata f’konformità mal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, li indipendentement twettaq, fi kwalunkwe post, il-provvista ta’ oġġetti u servizzi, ikun xi jkun l-iskop jew ir-riżultati ta’ dan it-tip ta’ attivitajiet ekonomiċi.

L-attivitajiet ekonomiċi ikopru l-attivitajiet kollha tal-produtturi, in-negozjanti u l-persuni li jipprovdu servizzi, inklużi attivitajiet agrikoli u fil-minjieri u attivitajiet professjonali.

Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u korpi oħra mmexxija mill-liġi pubblika ma għandhomx jitqiesu bħala entitajiet kummerċjali fir-rigward ta' attivitajiet jew tranżazzjonijiet li huma jinvolvu ruħhom fihom bħala awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, meta huma jinvolvu ruħhom f'dawn l-attivitajiet jew tranżazzjonijiet, huma għandhom jitqiesu bħala entitajiet kummerċjali fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet jew tranżazzjonijiet fejn it-trattament bħala entitajiet mhux kummerċjali jwassal għal distorsjonijiet sostanzjali fil-kompetizzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-entità kummerċjali ma tistax titqies bħala iżgħar minn parti ta' impriża jew entità ġuridika li minn lat organizzazzjonali tifforma negozju indipendenti, jiġifieri entità li kapaċi tiffunzjona bil-mezzi tagħha stess.

---

| ↓ 2004/74/KE Art. 1.2 emendat bil-Corrigendum, ĠU L 195, 2.6.2004, p. 26 |
|---|

~~*Artikolu 18a*~~

~~1. Bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva preżenti, l-Istati Membri speċifikati fl-Anness II huma awtorizzati li jissoktaw japplikaw ir-riduzzjonijiet fil-livelli tat-tassazzjoni jew l-eżenzjonijiet iddikjarati f'dan l-Anness.~~

~~Bla ħsara għal rivista minn qabel mill-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, din l-awtorizzazzjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006 jew fid-data speċifikata fl-Anness III.~~

~~2. Minkejja l-perjodi taż-żmien iddikjarati fil-paragrafi minn 3 sa 11 u sakemm dan ma jgħawwiġx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni, l-Istati Membri b'diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-livelli minimi l-ġodda tat-tassazzjoni għandhom jiġu permessi perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2007, b'mod partikolari għalbiex jevitaw li jipperikolaw l-istabbiltà tal-prezzijiet.~~

~~3. Ir-Repubblika Ċeka tista' tapplika eżenzjonijiet jew riduzzjonijiet totali jew parzjali fil-livell tat-tassazzjoni ta' l-elettriku, il-karburanti solidi u l-gass naturali sa l-1 ta' Jannar 2008.~~

~~4. Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 330 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Mejju 2004.~~

~~Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta mingħajr ċomb użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 359 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Mejju 2004.~~

~~Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista' tapplika eżenzjoni totali mit-tassazzjoni tal-ġebel tafli taż-żejt sa l-1 ta Jannar 2009. Sa l-1 ta' Jannar 2013, tista' barra minn hekk tapplika rata mnaqqsa fil-livell tat-tassazzjoni tal-ġebel tafli taż-żejt, sakemm dan ma jirriżultax f'tassazzjoni iktar baxxa minn 50 % tar-rata minimua Komunitarja rilevanti mill-1 ta' Jannar 2011.~~

~~Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzzjonli tagħha tat-tassazzjoni fuq il-ġebel tafli taż-żejt użat għal-għanijiet distrettwali tas-sħana għal-livell minimu tat-tassazzjoni.~~

~~Ir-Repubblika ta' l-Estonja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannart 2010 għalbiex taqleb is-sistema korrenti tagħha ta' input ta' tassazzjoni fuq l-eletriku għal sistema ta' tassazzjoni fuq l-output ta' l-elettriku.~~

~~5. Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju wżati bħala propellant għal-livell minimu l-ġdid ta' 302 EUR għal kuill 1000 litru u sa l-1 ta' Jannar 2013 sabiex jilħaq it-330 EUR. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju ma għandux ikun ikun inqas minn 245 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Mejju 2004 u mhux inqas minn 274 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.~~

~~Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2011 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 359 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Mejju 2004. Madakollu l-livell tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb ma jisatax ikun inqas minn 287 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta Mejju 2004 u mhux inqas minn 323 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.~~

~~Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tqil tal-karburant użat għal-għanijiet distrettwali tas-sħana għal-livell minimu tat-tassazzjoni.~~

~~Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq l-elettriku għal-livelli minimi tat-tassazzjoni. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq l-elettriku ma għandux ikun inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta' Jannar 2007.~~

~~Ir-Repubblika tal-Latvija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2009 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-faħam u l-kokk għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq il-faħam u l-kokk ma għandux ikun inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta' Jannar 2007.~~

~~6. Ir-Repubblika tal-Lituwanja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2011 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju wżati bħala propellant għal-livell minimu l-ġdid ta' 302 EUR għal kuill 1000 litru u sa l-1 ta' Jannar 2013 sabiex jilħaq it-330 EUR. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju ma għandux ikun ikun inqas minn 245 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Mejju 2004 u mhux inqas minn 274 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.~~

~~Ir-Repubblika tal-Lituwanja tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2011 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb użat bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 359 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Mejju 2004. Madankollu l-livell tat-tassazzjoni fuq il-petrol ta' mingħajr ċomb ma jistax ikun inqas minn 287 EUR gal kull 1000 litru mill-1 ta Mejju 2004 u mhux inqas minn 323 EUR gal kull 1000 litru mill-1 ta' Jannar 2008.~~

~~7. Ir-Repubblika ta' l-Ungerija tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq l-elettriku, il-gass naturali, l-faħam u l-kokk użati għall-għanijiet distrettwali tas-sħana għal-livelli minimi rilevanti tat-tassazzjoni.~~

~~8. Ir-Repubblika ta' Malta tista' tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq l-elettriku. Madankollu, il-livell tat-tassazzjoni fuq l-elettriku ma għandux ikun inqas minn 50 % tar-rati minimi Komunitarji rilevanti mill-1 ta' Jannar 2007.~~

~~Ir-Repubblika ta' Malta tista tapplika perjodu transitorju taż-żmien sa l-1 ta' Jannar 2010 għalbiex taġġusta l-livell nazzjonali tagħha tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju wżati bħala propellant għal-livell massimu l-ġdid ta' 330 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Mejju 2004. Madankollu, l-livelli tat-tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-pitrolju ma għandhomx ikunu inqas minn 245 EUR għal kull 1000 litru mill-1 ta' Mejju 2004.~~

